ISSN 1977-0987

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 174

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

16 ta' Ġunju 2012

Avviż Nru | Werrej | Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

2012/C 174/01 L-Aħħar Pubblikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ĠU C 165, 9.6.2012 ... 1

Il-Qorti Ġenerali

2012/C 174/02 Assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli ... 2

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

Il-Qorti tal-Ġustizzja

2012/C 174/03 Kawża C-125/09: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-26 ta' April 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Ċipru (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi — Direttivi 2002/21/KE u 2002/20/KE — Drittijiet ta' passaġġ — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst) ... 4

MT

Prezz: 3 EUR

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

Avviż Nru	Werrej (ikompli)	Paġna
2012/C 174/04	Kawża C-337/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Frankfurt am Main — il-Ġermanja) — Georg Neidel vs Stadt Frankfurt am Main ("Politika soċjali — Direttiva 2003/88/KE — Kundizzjonijiet tax-xogħol — Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol — Dritt għal leave annwali bil-ħlas — Kumpens finanzjarju f'każ ta' mard — Uffiċjali (pompieri)")	4
2012/C 174/05	Kawża C-406/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-2 ta' Mejju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-High Court of Justice (Chancery Division) — Ir-Renju Unit) — SAS Institute Inc. vs World Programming Ltd (Proprjetà intellettwali — Directiva 91/250/KEE — Protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter — Artikoli 1(2) u 5(3) — Portata tal protezzjoni — Kreazzjoni diretta jew permezz ta' proċess ieħor — Programm tal-kompjuter protett mid-drittijiet tal-awtur — Tkomplija ta' funzjonijiet mit-tieni programm mingħajr aċċess għall-kodiċi sors tal-ewwel wieħed — Dekumpilazzjoni tal-object code tal-ewwel programm tal-kompjuter — Direttiva 2001/29/KE — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni — Artikolu 2(a) — Manwal ta' użu ta' programm tal-kompjuter — Riproduzzjoni fi programm ieħor tal-kompjuter — Ksur tad-drittijiet tal-awtur — Kundizzjoni — Espressjoni tal-kreazzjoni intellettwali tal-awtur tal-manwal ta' użu)	5
2012/C 174/06	Kawża C-419/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof — il-Ġermanja) — Wolfgang Hofmann vs Freistaat Bayern (Direttiva 2006/126/KE — Rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan — Rifjut ta' Stat Membru li jirrikonoxxi, lil persuna li l-liċenzja tas-sewqan tagħha kienet is-suġġett ta' rtirar fit-territorju tiegħu, il-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor)	6
2012/C 174/07	Kawża C-456/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo — Spanja) — Asociación Nacional de Expendedores de Tabaco y Timbre (ANETT) vs Administración del Estado (Moviment liberu tal-merkanzija — Artikoli 34 TFUE u 37 TFUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-bejjiegħa bl-imnut ta' tabakk milli jimpurtaw prodotti tat-tabakk — Regola dwar l-eżistenza u l-funzjonament tal-monopolju tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tabakk — Miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi — Ġustifikazzjoni — Protezzjoni tal-konsumaturi)	6
2012/C 174/08	Kawża C-472/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pest Megyei Bíróság — L-Ungerija) — Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság vs Invitel Távközlési Zrt (Direttiva 93/13/KEE — Artikoli 3(1) u (3) — Artikoli 6 u 7 — Kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Klawżoli inġusti — Emenda unilaterali tat-termini tal-kuntratt mill-bejjiegħ jew fornitur — Azzjoni għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mibdija fl-interess pubbliku, f'isem il-konsumaturi, minn korp innominat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali — Konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola — Effetti ġuridiċi)	7
2012/C 174/09	Kawża C-508/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' April 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/109/KE — Status ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil — Applikazzjoni għall-kisba tal-istatus ta' resident għal żmien twil — Applikazzjoni għal permess ta' residenza fi Stat Membru ieħor ippreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz li diġà kiseb l-istatus ta' resident għal żmien twil fl-ewwel Stat Membru jew minn membru tal-familja tiegħu — Ammonti tad-drittijiet mitluba mill-awtoritajiet kompetenti — Natura sproporzjonata — Ostaklu għall-eżerċizzju tad-dritt ta' residenza)	7
2012/C 174/10	Kawża C-510/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Østre Landsret — id-Danimarka) — DR, TV2 Danmark A/S vs NCB — Nordisk Copyright Bureau (Approssimazzjoni tal-liġijiet — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Direttiva 2001/29/KE — Artikolu 5(2)(d) — Dritt ta' komunikazzjoni ta' xogħlijiet lill-pubbliku — Eċċezzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni — Recordings tranżitorji ta' xogħlijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet tax-xandir permezz tal-faċilitajiet tagħhom u għax-xandiriet tagħhom — Recording li ssir bil-faċilitajiet ta' terz — Obbligu tal-organizzazzjoni tax-xandir li tikkumpensa kull effett dannuż tal-azzjonijiet u nuqqasijiet tat-terz)	8

MT

2012/C 174/11 Kawża C-520/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta’ Mejju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-First-tier Tribunal (Tax Chamber) — Ir-Renju Unit) — Lebara Ltd vs The Commissioners for Her Majesty’s Revenue & Customs) (“Tassazzjoni — Sitt Direttiva tal-VAT — Artikolu 2 — Provvista ta’ servizzi bi ħlas — Servizzi ta’ telekomunikazzjoni — Skedi tat-telefon imħallsa minn qabel li jinkludu informazzjoni li tiffaċilita aċċess għal telefonati internazzjonali — Tqegħid fis-suq permezz ta’ distributuri”) 9

2012/C 174/12 Kawża C-571/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-24 ta’ April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Bolzano — l-Italja) — Servet Kamberaj vs Istituto per l’Edilizia sociale della Provincia autonoma di Bolzano (IPES), Giunta della Provincia autonoma di Bolzano, Provincia autonoma di Bolzano (Żona ta’ libertà, ta’ sigurtà u ta’ ġustizzja — Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Direttiva 2003/109/KE — Status ta’ ċittadini ta’ pajjiż terz li jkunu residenti għat-tul — Dritt għal trattament ugwali f’dak li jikkonċerna s-sigurtà soċjali, l-assistenza soċjali u l-protezzjoni soċjali — Deroga għall-prinċipju ta’ trattament ugwali għall-miżuri li jaqgħu taħt l-assistenza soċjali u l-protezzjoni soċjali — Esklużjoni tal-“benefiċċji prinċipali” mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-deroga — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għal għajnuna għall-akkomodazzjoni għall-kerrejja l-inqas vantaġġati — Ammont tal-fondi ddestinati għaċ-ċittadini ta’ pajjiż terz stabblit skont medja mwieżna differenti — Ċaħda ta’ applikazzjoni ta’ għajnuna għall-akkomodazzjoni minħabba l-eżawriment tal-baġit iddestinat għaċ-ċittadini ta’ pajjiż terz) 9

2012/C 174/13 Kawżi magħquda C-578/10 sa C-580/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-26 ta’ April 2012 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden — il-Pajjiżi l-Baxxi) — Staatssecretaris van Financiën vs L.A.C. van Putten (C-578/10), P. Mook (C-579/10), G. Frank (C-580/10) (Artikoli 18 KE u 56 KE — Vetturi bil-mutur — Użu fi Stat Membru ta’ vettura bil-mutur tal-passiġġieri mislufa li hija rreġistrata fi Stat Membru ieħor — Tassazzjoni ta’ din il-vettura fl-ewwel Stat Membru meta tintuża l-ewwel darba fuq in-netwerk ta’ toroq nazzjonali) 10

2012/C 174/14 Kawża C-620/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tat-3 ta’ Mejju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kammarrätten i Stockholm — Migrationsöverdomstolen — l-Isvezja) — Migrationsverket vs Nurije Kastrati, Valdrina Kastrati, Valdrin Kastrati (Sistema ta’ Dublin — Règolament (KE) Nru 343/2003 — Proċedura ta’ determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli mill-eżami ta’ applikazzjoni għall-ażil — Ċittadini ta’ pajjiż terz fil-pussess ta’ viża valida maħruġa mill-Istat Membru responsabbli fis-sens ta’ dan l-istess regolament — Applikazzjoni għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat responsabbli skont dan ir-regolament — Applikazzjoni għal permess ta’ residenza fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat responsabbli wara l-irtirar tal-applikazzjoni għall-ażil — Irtirar li seħħ qabel ma l-Istat Membru responsabbli jkun aċċetta l-inkarigu — Irtirar li jtemm il-proċeduri stabbiliti mir-Regolament Nru 343/2003) 11

2012/C 174/15 Kawżi magħquda C-621/10 u C-129/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta’ April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administrativen sad — Varna — il-Bulgarija) — “Balkan and Sea Properties” ADSITS (C-621/10), Provadinvest OOD (C-129/11) vs Direktor na Direktsia “Obzhalvane I upravlenie na izpalnenieto” — Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite (“VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 73 u 80(1) — Bejgħ ta’ beni immobbli bejn kumpanniji konnessi — Valur tat-tranżazzjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li għat-tranżazzjonijiet bejn persuni konnessi tipprovdi li l-ammont taxxabbli għall-finijiet tal-VAT huwa kkostitwit mill-valur fis-suq miftuħ tal-operazzjoni”) 11

2012/C 174/16 Kawża C-24/11 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta’ Mejju 2012 — Ir-Renju ta’ Spanja vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell — FAEGG — Taqsima “Garanzija’ — Infiq eskluż mill-finanzjament Komunitarju — Infiq magħmul mir-Renju ta” Spanja — Għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa) 12

MT

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

Avviż Nru	Werrej (ikompli)	Paġna
2012/C 174/17	Kawża C-225/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) — Ir-Renju Unit) — The Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs vs Able UK Ltd (VAT — Direttiva 2006/112/KE — Eżenzjonijiet — Artikolu 151(1)(ċ) — Operazzjoni ta' żmuntaġġ ta' bastimenti li ma għadhomx jintużaw mill-flotta Amerikana magħmula fit-territorju ta' Stat Membru)	13
2012/C 174/18	Kawża C-289/11 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 — Legris Industries SA vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Kumpannija parent u kumpannija sussidjarja — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur)	13
2012/C 174/19	Kawża C-290/11 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 — Comap SA vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Tul tal-ksur — Kunċett ta' "kontinwità")	13
2012/C 174/20	Kawża C-83/12 PPU: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-10 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesgerichtshof — Il-Ġermanja) — proċeduri kriminali kontra Minh Khoa Vo (Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Regolament (KE) Nru 810/2009 — Kodiċi Komunitarju dwar il-viżi — Artikoli 21 u 34 — Leġiżlazzjoni nazzjonali — Introduzzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju ta' Stat Membru — Viżi miksuba b'qerq — Sanzjoni kriminali tat-traffikant)	14
2012/C 174/21	Kawża C-119/12: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fis-6 ta' Marzu 2012 — Josef Probst vs mr.nexnet GmbH	14
2012/C 174/22	Kawża C-125/12: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Granada (Spanja) fit-8 ta' Marzo 2012 — Promociones y Construcciones BJ 200 S.L. *et*	15
2012/C 174/23	Kawża C-129/12: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht des Landes Sachsen-Anhalt (il-Ġermanja) fit-8 ta' Marzu 2012 — Magdeburger Mühlenwerke GmbH vs Finanzamt Magdeburg	15
2012/C 174/24	Kawża C-139/12: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fid-19 ta' Marzu 2012 — Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona vs Generalidad de Cataluña	16
2012/C 174/25	Kawża C-151/12: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja	16
2012/C 174/26	Kawża C-152/12: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija	17
2012/C 174/27	Kawża C-154/12: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal de première instance de Bruxelles (il-Belġju) fid-29 ta' Marzu 2012 — Isera & Scaldis Sugar SA, Philippe Bedoret and Co SPRL, Jean Rigot, Mathieu Vrancken vs Bureau d'intervention et de restitution belge (BIRB)	18
2012/C 174/28	Kawża C-158/12: Rikors ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda	18
2012/C 174/29	Kawża C-170/12: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fil-11 ta' April 2012 — Peter Pinckney vs KDG médiatech AG	19

MT

2012/C 174/30 Kawża C-171/12: Appell ippreżentat fil-11 ta' April 2012 minn Carrols Corp kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-1 ta' Frar 2012 fil-Kawża T-291/09 — Carrols Corp. vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) u Giulio Gambettola 19

2012/C 174/31 Kawża C-181/12: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (Il-Ġermanja) fit-18 ta' April 2012 — Yvon Welte vs Finanzamt Velbert 20

Il-Qorti Ġenerali

2012/C 174/32 Kawża T-270/10: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2012 — Conceria Kara vs UASI — Dima (KARRA) ("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali KARRA — Trade marks nazzjonali u Komunitarji figurattivi preċedenti Kara — Isem korporattiv Conceria Kara Srl u isem kummerċjali Kara — Raġunijiet relattivi għal rifjut — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 75, tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi — Mala fide") 21

2012/C 174/33 Kawża T-435/11: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 2012 — Universal Display vs UASI (UniversalPHOLED) ("Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Komunità Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali UniversalPHOLED — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7, (1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009") 21

2012/C 174/34 Kawżi magħquda T-40/07 P-REV u T-62/07 P-REV: Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' April 2012 — de Brito Sequeira Carvalho vs Il-Kummissjoni ("Proċeduri — Talba għal reviżjoni — Fatt ġdid — Assenza — Inammissibbiltà") 21

2012/C 174/35 Kawżi magħquda T-76/07, T-362/07 u T-409/08: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' April 2012 — El Fatmi vs Il-Kunsill ("Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu — Tħassir tal-lista tal-persuni kkonċernati — Rikors għall-annullament — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni") 22

2012/C 174/36 Kawża T-374/07: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' April 2012 — Pachtitis vs Il-Kummissjoni (Servizz Pubbliku — Reklutaġġ — Kompetizzjoni ġenerali — Ċaħda ta' talba intiża sabiex tinkiseb kopja tal-mistoqsijiet u tat-tweġibiet għat-testijiet ta' aċċess — Nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti Ġenerali — Rinviju lit-Tribunal tas-Servizz Pubbliku) 22

2012/C 174/37 Kawża T-517/09: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' April 2012 — Alstom vs Il-Kummissjoni ("Kompetizzjoni — Suq tat-transformers tal-elettriku — Deċiżjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni — Rifjut ta' aċċettazzjoni tal-istabbiliment ta' garanzija bankarja bħala forma ta' kopertura temporanja tal-multa — Tmiem tal-interess ġuridiku — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni") 23

2012/C 174/38 Kawża T-341/10: Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' April 2012 — F91 Diddeléng et vs Il-Kummissjoni ("Rikors għal annullament — Għeluq ta' ilment — Nuqqas ta' ftuħ ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' att li jista' jiġi kkontestat — Inammissibbiltà") 23

2012/C 174/39 Kawża T-572/11 R II: Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2012 — Hassan vs Il-Kunsill ("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi kontra s-Sirja — Iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Talba għal miżuri provviżorji — Talba ġdida — Fatti ġodda — Nuqqas — Inammissibbiltà") 23

MT

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

2012/C 174/40	Kawża T-163/12 R: Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2012 — Ternavsky vs Il-Kunsill ("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi diretti kontra l-Bjelorussja — Iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà")	24
2012/C 174/41	Kawża T-135/12: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2012 — Franza vs Il-Kummissjoni	24
2012/C 174/42	Kawża T-175/12: Rikors ippreżentat fit-12 ta' April 2012 — Deutsche Börse vs Il-Kummissjoni	25
2012/C 174/43	Kawża T-176/12: Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2012 — Bank Tejarat vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea	25
2012/C 174/44	Kawża T-177/12: Rikors ippreżentat fl-20 ta' April 2012 — Spraylat vs ECHA	26
2012/C 174/45	Kawża T-178/12: Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2012 — Khwanda vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea	27
2012/C 174/46	Kawża T-181/12: Rikors ippreżentat fis-26 ta' April 2012 — Bateni vs Il-Kunsill	28
2012/C 174/47	Kawża T-182/12: Rikors ippreżentat fis-26 ta' April 2012 — HTTS vs Il-Kunsill	29
2012/C 174/48	Kawża T-185/12: Rikors ippreżentat fit-23 ta' April 2012 — HUK-Coburg vs Il-Kummissjoni	29

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

2012/C 174/49	Kawża F-126/11: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni	31
2012/C 174/50	Kawża F-28/12: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni	31

MT

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

(2012/C 174/01)

L-Aħħar Pubblikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

ĠU C 165, 9.6.2012

Pubblikazzjonijiet preċedenti

ĠU C 157, 2.6.2012

ĠU C 151, 26.5.2012

ĠU C 138, 12.5.2012

ĠU C 133, 5.5.2012

ĠU C 126, 28.4.2012

ĠU C 118, 21.4.2012

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

IL-QORTI ĠENERALI

Assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli

(2012/C 174/02)

Fis-16 ta' Mejju 2012, il-Konferenza Plenarja tal-Qorti Ġenerali ddeċidiet, wara t-tluq tal-Imħallef Cremona, li temenda d-deċiżjonijiet tal-Konferenza Plenarja tal-20 ta' Settembru 2010 ([1]), tas-26 ta' Ottubru 2010 ([2]), tad-29 ta' Novembru 2010 ([3]), tal-20 ta' Settembru 2011 ([4]) u tal-25 ta' Novembru 2011 ([5]) dwar l-assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli.

Għall-perijodu mis-16 ta' Mejju 2012 sad-data meta l-Imħallef Taljan jew l-Imħallef Malti jassumi l-kariga tiegħu, l-Imħallfin huma assenjati lill-awli kif ġej:

L-Ewwel Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:

J. Azizi, President tal-Awla, I. Labucka, S. Frimodt Nielsen, D. Gratsias u M. Kancheva, Imħallfin.

L-Ewwel Awla, komposta minn tliet Imħallfin:

J. Azizi, President tal-Awla;
S. Frimodt Nielsen, Imħallef;
M. Kancheva, Imħallef.

It-Tieni Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:

N.J. Forwood, President tal-Awla, F. Dehousse, I. Wiszniewska-Białecka, M. Prek u J. Schwarcz, Imħallfin.

It-Tieni Awla, komposta minn tliet Imħallfin:

N.J. Forwood, President tal-Awla;
F. Dehousse, Imħallef;
J. Schwarcz, Imħallef.

It-Tielet Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:

O. Czúcz, President tal-Awla, I. Labucka, S. Frimodt Nielsen, D. Gratsias u M. Kancheva, Imħallfin.

It-Tielet Awla, komposta minn tliet Imħallfin:

O. Czúcz, President tal-Awla;
I. Labucka, Imħallef;
D. Gratsias, Imħallef.

Ir-Raba' Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:

I. Pelikánová, President tal-Awla, V. Vadapalas, K. Jürimäe, K. O'Higgins u M. van der Woude, Imħallfin.

Ir-Raba'Awla, komposta minn tliet Imħallfin:

I. Pelikánová, President tal-Awla;
K. Jürimäe, Imħallef;
M. van der Woude, Imħallef.

([1]) ĠU C 288, 23.10.2010, p. 2
([2]) ĠU C 317, 20.11.2010, p. 5
([3]) ĠU C 346, 18.12.2010, p. 2
([4]) ĠU C 305, 15.10.2011, p. 2
([5]) ĠU C 370, 17.12.2011, p. 5

Il-Ħames Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:

S. Papasavvas, President tal-Awla, V. Vadapalas, K. Jürimäe, K. O'Higgins u M. van der Woude, Imħallfin.

Il-Ħames Awla, komposta minn tliet Imħallfin:

S. Papasavvas, President tal-Awla;
V. Vadapalas, Imħallef;
K. O'Higgins, Imħallef.

Is-Sitt Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:

H. Kanninen, President tal-Awla, M. E. Martins Ribeiro, N. Wahl, S. Soldevila Fragoso u A. Popescu, Imħallfin.

Is-Sitt Awla, komposta minn tliet Imħallfin:

H. Kanninen, President tal-Awla;
N. Wahl, Imħallef;
S. Soldevila Fragoso, Imħallef.

Is-Seba' Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:

A. Dittrich, President tal-Awla, F. Dehousse, I. Wiszniewska-Białecka, M. Prek u J. Schwarcz, Imħallfin.

Is-Seba' Awla, komposta minn tliet Imħallfin:

A. Dittrich, President tal-Awla;
I. Wiszniewska-Białecka, Imħallef;
M. Prek, Imħallef.

It-Tmien Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:

L. Truchot, President tal-Awla, M. E. Martins Ribeiro, N. Wahl, S. Soldevila Fragoso u A. Popescu, Imħallfin.

It-Tmien Awla, komposta minn tliet Imħallfin:

L. Truchot, President tal-Awla;
M. E. Martins Ribeiro, Imħallef;
A. Popescu, Imħallef.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-26 ta' April 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Ċipru

(Kawża C-125/09) [1]

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi — Direttivi 2002/21/KE u 2002/20/KE — Drittijiet ta' passaġġ — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2012/C 174/03)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Zavvos, A. Nijenhuis u H. Krämer, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentanti: K. Lykourgos u A. Pantazi-Lamprou, aġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU L 108, p. 33) — Ksur tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU L 108, p. 21) — Għoti u awtorizzazzjoni ta' drittijiet sabiex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti riżorsi fi, fuq jew taħt proprjetà pubblika jew privata lil impriża awtorizzata sabiex tipprovdi netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi

Dispożittiv

(1) *Billi ma ggarantietx l-għoti tad-drittijiet ta' passaġġ fi, fuq jew taħt proprjetà pubblika abbażi ta' proċeduri trasparenti, applikati mingħajr diskriminazzjoni u fil-ħin, skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]), u skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), ir-Repubblika ta' Ċipru naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-Direttivi.*

(2) *Ir-Repubblika ta' Ċipru hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 141, 20.06.2009.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Frankfurt am Main — il-Ġermanja) — Georg Neidel vs Stadt Frankfurt am Main

(Kawża C-337/10) [1]

("Politika soċjali — Direttiva 2003/88/KE — Kundizzjonijiet tax-xogħol — Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol — Dritt għal leave annwali bil-ħlas — Kumpens finanzjarju f'każ ta' mard — Uffiċjali (pompieri)")

(2012/C 174/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Frankfurt am Main

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Georg Neidel

Konvenut: Stadt Frankfurt am Main

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Verwaltungsgericht Frankfurt am Main — Interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381) — Dritt għal kumpens finanzjarju fir-rigward ta' leave annwali bil-ħlas li ma jkunx ittieħed minħabba inkapaċità għax-xogħol li damet għal diversi snin qabel l-irtirar — Kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 2003/88/KE — Uffiċjali (pompieri)

Dispożittiv

(1) *L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, għandu jiġi interpretat f'dan is-sens li japplika għal uffiċjal li jeżerċita attivitajiet ta' pompier f'kundizzjonijiet normali.*

(2) *L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li uffiċjal huwa intitolat, meta jirtira, għal kumpens finanzjarju għal-leave annwali bil-ħlas li ma jkunx ittieħed minħabba l-fatt li hu ma wettaqx id-dmirijiet tiegħu minħabba mard.*

(3) *L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 għandu jkun interpretat fis-sens li ma jipprekludix dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jagħtu lill-uffiċjal id-drittijiet għal-leave addizzjonali bi ħlas, li jiżdiedu mad-dritt għal leave minimu annwali bil-ħlas ta' erba' ġimgħat mingħajr ma jkun ipprovdut il-ħlas ta' kumpens finanzjarju meta l-uffiċjal li jkun irtira ma kienx seta' jibbenefika minn dawn id-drittijiet addizzjonali minħabba l-fatt li hu ma wettaqx id-dmirijiet tiegħu minħabba mard.*

(4) *L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tillimita, fir-rigward ta' perijodu ta' trasferiment ta' disa' xhur li ladarba jiskadi d-dritt għal-leave annwali bi ħlas jintemm, id-dritt għal uffiċjal li jkun irtira, li jakkumula kumpensi għal-leave annwali bil-ħlas li ma jkunx ittieħed minħabba inkapaċità għax-xogħol.*

[1] ĠU C 301, 06.11.2010.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-2 ta' Mejju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-High Court of Justice (Chancery Division) — Ir-Renju Unit) — SAS Institute Inc. vs World Programming Ltd

(Kawża C-406/10) [1]

(Proprjetà intellettwali — Directiva 91/250/KEE — Protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter — Artikoli 1(2) u 5(3) — Portata tal protezzjoni — Kreazzjoni diretta jew permezz ta' proċess ieħor — Programm tal-kompjuter protett mid-drittijiet tal-awtur — Tkomplija ta' funzjonijiet mit-tieni programm mingħajr aċċess għall-kodiċi sors tal-ewwel wieħed — Dekumpilazzjoni tal-object code tal-ewwel programm tal-kompjuter — Direttiva 2001/29/KE — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni — Artikolu 2(a) — Manwal ta' użu ta' programm tal-kompjuter — Riproduzzjoni fi programm ieħor tal-kompjuter — Ksur tad-drittijiet tal-awtur — Kundizzjoni — Espressjoni tal-kreazzjoni intellettwali tal-awtur tal-manwal ta' użu)

(2012/C 174/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

High Court of Justice (Chancery Division)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SAS Institute Inc.

Konvenuta: World Programming Ltd

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — High Court of Justice (Chancery Division) — Interpretazzjoni tal-Artikoli 2(1) u 5(3) tad Direttiva tal-Kunsill 91/250/KEE, tal-14 ta' Mejju 1991, dwar il protezzjoni legali tal-programmi tal-kompjuter (ĠU Edizzjoni Speċjali bil Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 114) — Portata tal protezzjoni — Kreazzjoni diretta jew permezz ta' proċess ieħor, bħad-dekumpilazzjoni tal-object code, ta' programm tal-kompjuter li jirriproduċi l-funzjonijiet ta' programm tal-kompjuter ieħor, diġà protett mid-drittijiet tal-awtur, mingħajr aċċess għall-kodiċi sors ta' dan tal-aħħar

Dispożittiv

(1) *L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/250/KEE, tal-14 ta' Mejju 1991, dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter, għandu jiġi interpretat fis-sens li la l-funzjonalità ta' programm tal-kompjuter u lanqas il-lingwa ta' programmar u l-format tal-fajls tad-data użati fil-kuntest ta' programm tal-kompjuter biex jintużaw uħud mill-funzjonijiet tiegħu ma jikkostitwixxu forma ta' espressjoni ta' dan il-programm u ma humiex, bħala tali, protetti mid-drittijiet tal-awtur fuq il-programmi tal-kompjuter fis-sens ta' din id-direttiva.*

(2) *L-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/250 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-persuna li kisbet kopja liċenzjata ta' programm tal-kompjuter tista', mingħajr il-permess tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur, tosserva, tistudja jew tittestja l-funzjonament ta' dan il-programm sabiex tiddetermina l-ideat u l-prinċipji li jservu ta' bażi għal kwalunkwe element tal-imsemmi programm, meta twettaq operazzjonijiet koperti minn din il-liċenzja kif ukoll operazzjonijiet ta' loading u ta' tħaddim meħtieġa għall-użu tal-programm tal-kompjuter u kemm-il darba din ma tippreġudikax id-drittijiet esklużivi tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur fuq dan il-programm.*

(3) *L-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li r-riproduzzjoni, f'programm tal-kompjuter jew f'manwal ta' użu ta' dan il-programm, ta' ċerti elementi deskritti fil-manwal ta' użu ta' programm ieħor tal-kompjuter protett mid-drittijiet tal-awtur tista' tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-awtur fuq dan il-manwal tal-aħħar jekk — u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju — din ir-riproduzzjoni tikkostitwixxi l-espressjoni tal-kreazzjoni intellettwali tal-awtur stess tal-manwal ta' użu tal-programm tal-kompjuter protett mid-drittijiet tal-awtur.*

[1] ĠU C 346, 18.12.2010.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof — il-Ġermanja) — Wolfgang Hofmann vs Freistaat Bayern

(Kawża C-419/10) [1]

(Direttiva 2006/126/KE — Rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan — Rifjut ta' Stat Membru li jirrikonoxxi, lil persuna li l-liċenzja tas-sewqan tagħha kienet is-suġġett ta' rtirar fit-territorju tiegħu, il-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor)

(2012/C 174/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bayerischer Verwaltungsgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Wolfgang Hofmann

Konvenuta: Freistaat Bayern

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bayerischer Verwaltungsgerichtshof — Interpretazzjoni tal-Artikoli 2(1) u 11(4) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (ĠU L 403, p. 18) — Rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan — Rifjut ta' Stat Membru li jirrikonoxxi, lil persuna li l-liċenzja tas-sewqan tagħha ġiet irtirata fit-territorju tiegħu, il-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor

Dispożittiv

L-Artikolu 2(1) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (Tfassil mill-Ġdid), għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu li Stat Membru jirrifjuta, lil hinn minn kull perijodu ta' projbizzjoni għal applikazzjoni ta' liċenzja tas-sewqan ġdida imposta fuq id-detentur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor u meta saħansitra l-kundizzjoni ta' residenza normali fit-territorju ta' dan tal-aħħar tkun ġiet osservata, milli jirrikonoxxi l-validità ta' din il-liċenzja tas-sewqan, meta l-imsemmi detentur kien is-suġġett, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, ta' miżura ta' rtirar ta' liċenzja tas-sewqan preċedenti.

[1] ĠU C 301, 06.11.2010

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo — Spanja) — Asociación Nacional de Expendedores de Tabaco y Timbre (ANETT) vs Administración del Estado

(Kawża C-456/10) [1]

(Moviment liberu tal-merkanzija — Artikoli 34 TFUE u 37 TFUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lill-bejjiegħa bl-imnut ta' tabakk milli jimpurtaw prodotti tat-tabakk — Regola dwar l-eżistenza u l-funzjonament tal-monopolju tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tat-tabakk — Miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi — Ġustifikazzjoni — Protezzjoni tal-konsumaturi)

(2012/C 174/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Asociación Nacional de Expendedores de Tabaco y Timbre (ANETT)

Konvenuta: Administración del Estado

fil-preżenza ta': Unión de Asociaciones de Estanqueros de España, Logivend SLU, Organización Nacional de Asociaciones de Estanqueros

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal Supremo — Interpretazzjoni tal-Artikolu 34 TFUE — Monopolju Spanjol ta' kummerċjalizzazzjoni tat-tabakk — Projbizzjoni ta' importazzjoni ta' tabakk imposta fuq il-bejjiegħa bl-imnut u stabbilita favur il-bejjiegħa bl-ingrossa — Proporzjonalità

Dispożittiv

L-Artikolu 34 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprojbixxi lill-proprjetarju ta' ħwienet tat-tabakk u tal-bolol milli jeżerċitaw attività ta' importazzjoni ta' prodotti tat-tabakk minn Stati Membri oħra.

[1] ĠU C 328, 04.12.2010.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Pest Megyei Bíróság — L-Ungerija) — Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság vs Invitel Távközlési Zrt

(Kawża C-472/10) ([1])

(Direttiva 93/13/KEE — Artikoli 3(1) u (3) — Artikoli 6 u 7 — Kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Klawżoli inġusti — Emenda unilaterali tat-termini tal-kuntratt mill-bejjiegħ jew fornitur — Azzjoni għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mibdija fl-interess pubbliku, f'isem il-konsumaturi, minn korp innominat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali — Konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola — Effetti ġuridiċi)

(2012/C 174/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Pest Megyei Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Nemzeti Fogyasztóvédelmi Hatóság

Konvenuta: Invitel Távközlési Zrt

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Pest Megyei Bíróság — Interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1), flimkien mal-punti 1(j) u 2(d) tal-Anness, kif ukoll tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2. p. 288) — Klawżola li tawtorizza lill-bejjiegħ jew fornitur jemenda unilateralment it-termini tal-kuntratt mingħajr raġuni valida u mingħajr deskrizzjoni espliċita tal-mod ta' varjazzjoni tal-prezz — Natura inġusta tal-klawżola — Effetti ġuridiċi li jirriżultaw mill-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżola fil-kuntest ta' azzjoni fl-interess kollettiv

Dispożittiv

(1) *Hija l-qorti nazzjonali li tkun qed tiddeċiedi dwar l-azzjoni għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, mibdija fl-interess pubbliku, f'isem il-konsumaturi, minn korp innominat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, li għandha tevalwa, fir-rigward tal-Artikolu 3(1) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, in-natura inġusta ta' klawżola li tinsab fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti ta' konsum li permezz tagħha l-bejjiegħ jew fornitur jipprevedi emenda unilaterali tal-ispejjeż marbuta mas-servizz li għandu jiġi pprovdut, mingħajr madankollu ma jiddeskrivi b'mod ċar il-mod tal-iffissar tal-imsemmija spejjeż u lanqas ma jispeċifika raġuni valida għal din l-emenda. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, l-imsemmija qorti jkollha tivverifika b'mod partikolari jekk, fid-dawl tal-klawżoli kollha li jinsabu fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti ta' konsum li minnhom tagħmel parti l-klawżola kontenzjuża, kif ukoll fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi d-drittijiet u l-obbligi li jistgħu jiżdiedu ma' dawk previsti mill-kundizzjonijiet ġenerali inkwistjoni, ir-raġunijiet jew il-mod ta' varjazzjoni tal-ispejjeż marbuta mas-servizz li għandu jiġi pprovdut humiex speċifikati b'mod ċar u li jinftiehem u, jekk ikun il-każ, jekk il-konsumaturi għandhomx dritt li jtemmu l-kuntratt.*

(2) *L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li:*

— *huwa ma jipprekludix li l-konstatazzjoni tan-nullità ta' klawżola inġusta li tagħmel parti mill-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti ta' konsum fil-kuntest ta' azzjoni għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, imsemmija fl-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva, imressqa kontra bejjiegħ jew fornitur fl-interess pubbliku u f'isem il-konsumaturi, minn korp innominat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, toħloq, skont l-imsemmija leġiżlazzjoni, effetti fir-rigward tal-konsumaturi kollha li jkunu kkonkludew, mal-bejjiegħ jew fornitur ikkonċernat, kuntratt li fir-rigward tiegħu japplikaw l-istess kundizzjonijiet ġenerali, inkluż fir-rigward tal-konsumaturi li ma kinux parti fil-proċedura għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni;*

— *meta n-natura inġusta ta' klawżola tal-kundizzjonijiet ġenerali ta' kuntratti tkun ġiet rikonoxxuta fil-kuntest ta' tali proċedura, il-qrati nazzjonali għandhom, anki fil-futur, jisiltu minnha ex officio l-konsegwenzi kollha li huma previsti bil-liġi nazzjonali, sabiex l-imsemmija klawżola ma tkunx torbot lill-konsumaturi li jkunu kkonkludew kuntratt mal-bejjiegħ jew fornitur ikkonċernat li fir-rigward tiegħu japplikaw l-istess kundizzjonijiet ġenerali.*

[1] ĠU C 346, 18.12.2010.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' April 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi

(Kawża C-508/10) ([1])

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2003/109/KE — Status ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil — Applikazzjoni għall-kisba tal-istatus ta' resident għal żmien twil — Applikazzjoni għal permess ta' residenza fi Stat Membru ieħor ippreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz li diġà kiseb l-istatus ta' resident għal żmien twil fl-ewwel Stat Membru jew minn membru tal-familja tiegħu — Ammonti tad-drittijiet mitluba mill-awtoritajiet kompetenti — Natura sproporzjonata — Ostaklu għall-eżerċizzju tad-dritt ta' residenza)

(2012/C 174/09)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Condou-Durande u R. Troosters, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: C.M. Wissels u J. Langer, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenut: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: T. Papadopoulou, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272) — Talba għall-istatus ta' resident għal zmien twil — Taxxi tal-boll — Ammonti għoljin wisq u inġusti — Mezz għat-tfixkil tal-eżerċizzju tad-dritt ta' residenza

Dispożittiv

(1) *Peress li applikat liċ-ċittadini0 ta' pajjiżi terzi li jitolbu l-ksib tal-istatus ta' resident għal żmien twil fil-Pajjiżi l-Baxxi u lil dawk li, billi kisbu dan l-istatus fi Stat Membru li ma huwiex ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, jitolbu li jeżerċitaw id-dritt li jirrisjedu f'dan l-Istat Membru kif ukoll lill-membri tal-familja tagħhom li jitolbu li jiġu awtorizzati jakkompanjawhom jew jingħaqdu magħhom, drittijiet fiskali eċċessivi u sproporzjonati, li jistgħu joħolqu ostaklu għall-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont din id-direttiva.*

(2) *Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(3) *Ir-Repubblika Ellenika għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

(1) ĠU C 30, 29.01.2011

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Østre Landsret — id-Danimarka) — DR, TV2 Danmark A/S vs NCB — Nordisk Copyright Bureau

(Kawża C-510/10) [1]

(Approssimazzjoni tal-liġijiet — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Direttiva 2001/29/KE — Artikolu 5(2)(d) — Dritt ta' komunikazzjoni ta' xogħlijiet lill-pubbliku — Eċċezzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni — Recordings tranżitorji ta' xogħlijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet tax-xandir permezz tal-faċilitajiet tagħhom u għax-xandiriet tagħhom — Recording li ssir bil-faċilitajiet ta' terz — Obbligu tal-organizzazzjoni tax-xandir li tikkumpensa kull effett dannuż tal-azzjonijiet u nuqqasijiet tat-terz)

(2012/C 174/10)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Østre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: DR, TV2 Danmark A/S

Konvenuta: NCB — Nordisk Copyright Bureau.

Suġġett

Talba għal-deċiżjoni preliminari — Østre Landsret — Interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2)(d) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230) — Kundizzjonijiet sabiex persuna tibbenefika minn eċċezzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni — Recordings tranżitorji ta' xogħlijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet tax-xandir permezz tal-faċilitajiet tagħhom u għax-xandiriet tagħhom — Organizzazzjoni tax-xandir li kkummissjonat ma' kumpanniji ta' produzzjoni televiżiva esterni u indipendenti recordings bl-għan li xxandarhom fil-kuntest tax-xandiriet tagħha.

Dispożittiv

(1) *L-espressjoni "permezz tal-faċilitajiet tagħhom", li tinsab fl-Artikolu 5(2)(d) tad-Direttiva 2001/29 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, għandha tirċievi interpretazzjoni awtonoma u uniformi fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni.*

(2) *L-Artikolu 5(2)(d) tad-Direttiva 2001/29, moqri fid-dawl tal-premessa 41 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-faċilitajiet ta' organizzazzjoni tax-xandir jinkludu l-faċilitajiet ta' kull terz li jaġixxi f'isem jew bir-responsabbiltà ta' din l-organizzazzjoni.*

(3) *Sabiex jiġi stabbilit jekk recording li twettqet minn organizzazzjoni tax-xandir, għax-xandiriet tagħha, bil-faċilitajiet ta' terz, huwiex kopert bl-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 5(2)(d) tad-Direttiva 2001/29 fir-rigward tar-recordings tranżitorji, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, din il-persuna tistax tiġi kkunsidrata bħala li aġixxiet konkretament "f'isem" l-organizzazzjoni tax-xandir jew, tal-inqas, "bir-responsabbiltà" tagħha. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, huwa essenzjali li, fil-konfront ta' terzi, b'mod partikolari l-awturi li jistgħu jkunu leżi minn recording irregolari tax-xogħol tagħhom, l-organizzazzjoni tax-xandir tkun obbligata li tikkumpensa kull effett dannuż tal-azzjonijiet u nuqqasijiet tat-terz, bħal kumpannija ta' produzzjoni televiżiva esterna u legalment indipendenti, marbuta mar-recording inkwistjoni, bħallikieku dawn l-azzjonijiet u nuqqasijiet kienu twettqu mill-organizzazzjoni tax-xandir stess.*

---

(1) ĠU C 346, 18.12.2010.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-First-tier Tribunal (Tax Chamber) — Ir-Renju Unit) — Lebara Ltd vs The Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs)

(Kawża C-520/10) ([1])

("Tassazzjoni — Sitt Direttiva tal-VAT — Artikolu 2 — Provvista ta' servizzi bi ħlas — Servizzi ta' telekomunikazzjoni — Skedi tat-telefon imħallsa minn qabel li jinkludu informazzjoni li tiffaċilita aċċess għal telefonati internazzjonali — Tqegħid fis-suq permezz ta' distributuri")

(2012/C 174/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Lebara Ltd

Konvenut: The Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — First-tier Tribunal (Tax Chamber) — Interpretazzjoni tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 77/388/KEE: Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23) — Skedi tat-telefon mibjugħa minn persuna taxxabbli residenti fi Stat Membru lil distributur residenti fi Stat Membru ieħor u mibjugħa mill-ġdid minn dan id-distributur lil persuni li jużawhom sabiex jagħmlu telefonati — Tranżazzjoni komposta minn diversi elementi — Metodi ta' impożizzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Dispożittiv

L-Artikolu 2(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/92/KE, tas-7 ta' Ottubru 2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li operatur tat-telefonija, li jipprovdi servizzi ta' telekomunikazzjoni li jikkonsistu fil-bejgħ lil distributur ta' skedi tat-telefon li jinkludu l-informazzjoni neċessarja kollha sabiex isiru telefonati internazzjonali permezz tal-infrastruttura pprovduta mill-imsemmi operatur u li jinbiegħu mill-ġdid mid-distributur, f'ismu proprju u għall-interessi tiegħu, lil utenti finali, kemm direttament kif ukoll permezz ta' persuni taxxabbli oħra bħal bejjiegħa bl-ingrossa jew bl-imnut, jipprovdi provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni bi ħlas lid-distributur. Għall-kuntrarju, l-imsemmi operatur ma jipprovdix it-tieni provvista ta' servizzi bi ħlas lill-utent finali meta dan tal-aħħar, wara li jkun akkwista l-iskeda tat-telefon, jeżerċita d-dritt li jagħmel telefonati billi jinqeda' mill-informazzjoni li jkun hemm fuq dik l-iskeda.

([1]) ĠU C 30, 29.01.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-24 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Bolzano — l-Italja) — Servet Kamberaj vs Istituto per l'Edilizia sociale della Provincia autonoma di Bolzano (IPES), Giunta della Provincia autonoma di Bolzano, Provincia autonoma di Bolzano

(Kawża C-571/10) ([1])

(Żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja — Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Direttiva 2003/109/KE — Status ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu residenti għat-tul — Dritt għal trattament ugwali f'dak li jikkonċerna s-sigurtà soċjali, l-assistenza soċjali u l-protezzjoni soċjali — Deroga għall-prinċipju ta' trattament ugwali għall-miżuri li jaqgħu taħt l-assistenza soċjali u l-protezzjoni soċjali — Esklużjoni tal-"benefiċċji prinċipali" mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deroga — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għal għajnuna għall-akkomodazzjoni għall-kerrejja l-inqas vantaġġati — Ammont tal-fondi ddestinati għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz stabblit skont medja mwieżna differenti — Ċaħda ta' applikazzjoni ta' għajnuna għall-akkomodazzjoni minħabba l-eżawriment tal-baġit iddestinat għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz)

(2012/C 174/12)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Bolzano

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Servet Kamberaj

Konvenuti: Istituto per l'Edilizia Sociale della Provincia autonoma di Bolzano (IPES), Giunta della Provincia autonoma di Bolzano, Provincia Autonoma di Bolzano

fil-preżenza ta': Associazione Porte Aperte/Offene Türen, Human Rights International, Associazione Volontarius, Fondazione Alexander Langer

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunale di Bolzano — Protezzjoni tal-minoranzi lingwistiċi — Leġiżlazzjoni provinċjali

li timplementa l-prinċipju fundamentali tas-sistema kostituzzjonali nazzjonali ta' protezzjoni tal-minoranzi lingwistiċi — Politika soċjali — Applikazzjoni ta' koeffiċjenti differenti sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' allowances għall-akkomodazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni u taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi — Kriterji ta' għażla differenti applikabbli għall-għoti tal-allowances għall-akkomodazzjoni liċ-ċittadini tal-Unjoni u liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi — Kompatibbiltà mal-Artikoli 2 u 6 TUE u mal-Artikoli 21 u 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali — Kompatibbiltà mal-Artikoli 18, 45, 49 TFUE — Kompatibbiltà mad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, tad-29 ta' Ġunju 2000, li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità [trattament ugwali tal-persuni irrispettivament mir-razza jew mill-oriġini etnika] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23) u mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6. p. 272) — Applikabbiltà diretta ta' dispożizzjonijet tad-dritt tal-Unjoni — Kompatibbiltà mal-Artikolu 14 KEDB u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 12 KEDB — Applikabbiltà diretta tal-KEDB skont l-Artikolu 6 TUE — Sanzjonijiet applikabbli fis-sens tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/43/KE

Dispożittiv

(1) *L-ewwel u r-raba' sas-seba' domandi magħmula mit-Tribunale di Bolzano fil-Kawża C-571/10 huma inammissibbli.*

(2) *Ir-riferiment li jagħmel l-Artikolu 6(3) TUE għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (KEDB), ma jimponix fuq il-qorti nazzjonali, f'każ ta' kunflitt bejn regola ta' dritt nazzjonali u din il-konvenzjoni, li jiġu applikati direttament id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni, billi tiġi skartata l-applikazzjoni tar-regola ta' dritt nazzjonali inkompatibbli magħha.*

(3) *L-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109, tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali jew reġjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi, f'dak li jikkonċerna l-għoti ta' għajnuna għall-akkomodazzjoni, trattament differenti għal ċittadin ta' pajjiż terz li jibbenefika mill-istatus ta' residenti għat-tul mogħti skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva meta pparagunat ma' dak irriżervat għaċ-ċittadini residenti fl-istess provinċja jew reġjun waqt it-tqassim tal-fondi ddestinati għal din l-għajnuna, sa fejn tali għajnuna taqa' taħt waħda mit-tliet kategoriji msemmija f'din id-dispożizzjoni u li l-paragrafu 4 tal-istess artikolu ma japplikax.*

([1]) ĠU C 46, 12.02.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-26 ta' April 2012 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden — il-Pajjiżi l-Baxxi) — Staatssecretaris van Financiën vs L.A.C. van Putten (C-578/10), P. Mook (C-579/10), G. Frank (C-580/10)

(Kawżi magħquda C-578/10 sa C-580/10) ([1])

(Artikoli 18 KE u 56 KE — Vetturi bil-mutur — Użu fi Stat Membru ta' vettura bil-mutur tal-passiġġieri mislufa li hija rreġistrata fi Stat Membru ieħor — Tassazzjoni ta' din il-vettura fl-ewwel Stat Membru meta tintuża l-ewwel darba fuq in-netwerk ta' toroq nazzjonali)

(2012/C 174/13)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Staatssecretaris van Financiën

Konvenuti: L.A.C. van Putten (C-578/10), P. Mook (C-579/10), G. Frank (C-580/10)

Suġġett

Talbiet għal deċiżjoni preliminari — Hoge Raad der Nederlanden — Interpretazzjoni tal-Artikolu 18 KE (li sar l-Artikolu 21 TFUE) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi taxxa ta' reġistrazzjoni mal-ewwel użu ta' vettura fuq in-netwerk tat-toroq nazzjonali — Issuġġettar għat-taxxa ta' persuna residenti fl-Istat Membru inkwistjoni li ssellfet vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor mingħand persuna residenti fih, għal użu privat fuq perijodu qasir fl-ewwel Stat Membru

Dispożittiv

L-Artikolu 56 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi fuq ir-residenti tiegħu li jkunu sellfu vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor lil resident ta' dan tal-aħħar, mal-ewwel użu ta' din il-vettura fuq in-netwerk ta' toroq nazzjonali, il-ħlas tat-taxxa kollha, normalment dovuta mar-reġistrazzjoni ta' vettura fl-ewwel Stat Membru, mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul tal-użu tal-imsemmija vettura fuq dan in-netwerk ta' toroq u mingħajr ma din il-persuna tkun tista' tinvoka ebda dritt ta' eżenzjoni jew ta' rimbors meta din il-vettura ma tkun intiża la sabiex tintuża essenzjalment fl-ewwel Stat Membru b'mod permanenti u lanqas, fil-fatt ma hija użata b'dan il-mod.

([1]) ĠU C 72, 05.03.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Kammarrätten i Stockholm — Migrationsöverdomstolen — l-Isvezja) — Migrationsverket vs Nurije Kastrati, Valdrina Kastrati, Valdrin Kastrati

(Kawża C-620/10) [1]

(Sistema ta' Dublin — Règolament (KE) Nru 343/2003 — Proċedura ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli mill-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil — Ċittadini ta' pajjiż terz fil-pussess ta' viża valida maħruġa mill-Istat Membru responsabbli fis-sens ta' dan l-istess regolament — Applikazzjoni għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat responsabbli skont dan ir-regolament — Applikazzjoni għal permess ta' residenza fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat responsabbli wara l-irtirar tal-applikazzjoni għall-ażil — Irtirar li seħħ qabel ma l-Istat Membru responsabbli jkun aċċetta l-inkarigu — Irtirar li jtemm il-proċeduri stabbiliti mir-Regolament Nru 343/2003)

(2012/C 174/14)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Kammarrätten i Stockholm — Migrationsöverdomstolen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Migrationsverket

Konvenuti: Nurije Kastrati, Valdrina Kastrati, Valdrin Kastrati

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Kammarrätten i Stockholm — Migrationsöverdomstolen — Interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(5), kif ukoll tal-Artikoli 5(2) u 16(3) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003, tat-18 ta' Frar 2003, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 109) — Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tar-regolament f'każ ta' rtirar ta' applikazzjoni għall-ażil — Irtirar ta' applikazzjonijiet għall-ażil ippreżentati minn ċittadini ta' pajjiż terz fi Stat Membru A, matul il-proċedura ta' determinazzjoni tal-Istat responsabbli mill-eżami tal-applikazzjoni skont l-imsemmi regolament u wara l-aċċettazzjoni minn Stat Membru B tar-responsabbiltà għall-applikanti — Deċiżjoni tal-awtorità kompetenti fi Stat Membru A li tiċħad l-applikazzjonijiet għall-ażil u li timplementa l-proċedura ta' trasferiment tal-applikanti lejn l-Istat Membru B, indipendentement mill-fatt li l-applikazzjonijiet għall-ażil ippreżentati fl-Istat Membru A kienu ġew irtirati

Dispożittiv

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003, tat-18 ta' Frar 2003, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-irtirar ta' applikazzjoni għall-ażil fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tiegħu, li jseħħ qabel ma l-Istat Membru responsabbli mill-eżami ta' din l-applikazzjoni jkun aċċetta li jieħu inkarigu tal-applikant, għandu bħala effett li dan ir-regolament ma japplikax iktar. F'każ bħal dan, huwa l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata li għandu jieħu d-deċiżjonijiet fir-rigward ta' dan l-irtirar u, b'mod partikolari, li jtemm l-eżami tal-applikazzjoni billi jinserixxi nota relatata magħha fil-fajl tal-applikant.

---

[1] ĠU C 72, 05.03.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Administrativen sad — Varna — il-Bulgarija) — "Balkan and Sea Properties" ADSITS (C-621/10), Provadinvest OOD (C-129/11) vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane I upravlenie na izpalnenieto" — Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite

(Kawżi magħquda C-621/10 u C-129/11) [1]

("VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 73 u 80(1) — Bejgħ ta' beni immobbli bejn kumpanniji konnessi — Valur tat-tranżazzjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li għat-tranżazzjonijiet bejn persuni konnessi tipprovdi li l-ammont taxxabbli għall-finijiet tal-VAT huwa kkostitwit mill-valur fis-suq miftuħ tal-operazzjoni")

(2012/C 174/15)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Administrativen sad — Varna

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: ADSITS 'Balkan and Sea Properties' ADSITS (C-621/10), Provadinvest OOD (C-129/11)

Konvenut: Direktor na Direktsia "Obzhalvane I upravlenie na izpalnenieto" — Varna pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Administrativen sad — Varna — Il-Bulgarija — Interpretazzjoni tal-Artikolu 80(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Kumpanniji konnessi li kkonkludew kuntratt ta' bejgħ ta' beni immobbli — Leġiżlazzjoni nazzjonali

li għat-tranżazzjonijiet bejn persuni konnessi tipprovdi li l-ammont taxxabbli għall-finijiet tal-VAT huwa kkostitwit mill-valur fis-suq miftuħ tat-tranżazzjoni — Metodi ta' determinazzjoni tal-valuri tas-suq miftuħ — Esklużjoni tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT meta t-taxxa ma tkunx ġiet ikkalkolata skont il-liġi

Dispożittiv

(1) *L-Artikolu 80(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni li huwa jsemmi huma eżawrjenti u li, għaldaqstant, leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax tipprevedi, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, li l-ammont taxxabbli huwa l-valur fis-suq miftuħ tal-operazzjoni f'każijiet li huma differenti minn dawk elenkati fl-imsemmija dispożizzjoni, b'mod partikolari, meta l-persuna taxxabbli jkollha d-dritt li tnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud b'mod sħiħ, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali.*

(2) *F'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, l-Artikolu 80(1) tad-Direttiva 2006/112 jagħti lill-kumpanniji kkonċernati d-dritt li jinvokawh direttament sabiex jopponu l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li huma inkompatibbli ma' din id-dispożizzjoni. Jekk ma tkunx tista' tagħti interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali b'mod konformi ma' dan l Artikolu 80(1), il-qorti tar-rinviju ma għandha tapplika l-ebda dispożizzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni li tmur kontriha.*

([1]) ĠU C 72, 05.03.2011.
ĠU C 145, 14.05.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 — Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-24/11 P) ([1])

(Appell — FAEGG — Taqsima "Garanzija' — Infiq eskluż mill-finanzjament Komunitarju — Infiq magħmul mir-Renju ta" Spanja — Għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa)

(2012/C 174/16)

Lingwa tal-proċedura: l-Ispanjol

Partijiet

Appellant: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: M. Muñoz Pérez, aġent)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: F. Jimeno Fernández, aġent)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2010, Spanja vs Il-Kummissjoni (T-113/08), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/68/KE, tal-20 Diċembru 2007, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerti nefqiet magħmula mill-Istati Membri taħt it-Taqsima Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG), taqsima "Garanzija" (ĠU 2008, L 18, p. 12), sa fejn tirrigwarda ċertu nfiq magħmul mir-Renju ta' Spanja fis-setturi taż-żejt taż-żebbuġa u tal-uċuħ tar-raba' li jinħarat.

Dispożittiv

(1) *Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Novembru 2010, Spanja vs Il-Kummissjoni (T-113/08) hija annullata sa fejn il-Qorti Ġenerali, billi kklassifikat l-ittra AGR 16844 tal-Kummissjoni, tal-11 ta' Lulju 2002, bħala komunikazzjoni fis-sens tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1663/95, tas-7 ta' Lulju 1995, li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 li jirrigwardja l-proċedura għall-verifikar tal-kontijiet tat-Taqsima Garanziji tal-FAEEG, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2245/1999, tat-22 ta' Ottubru 1999, ikkunsidrat id-data tan-notifika ta' din l-ittra bħala element ta' referenza għall-kalkolu tat-terminu ta' 24 xahar, previst fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 5(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70, tal-21 ta' April 1970, dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1287/95, tat-22 ta' Mejju 1995, u fil-ħames subparagafu tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola, għall-finijiet tal-korrezzjoni finanzjarja magħmula mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/68/KE, tal-20 ta' Diċembru 2007, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerti nefqiet magħmula mill-Istati Membri taħt it-Taqsima Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG), fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa minħabba li l-proposti tal-aġenzija taż-żejt taż-żebbuġa konsekuttivi għall-kontrolli magħmula fuq l-imtieħen ingħataw segwitu insuffiċjenti min-naħa tal-awtoritajiet Spanjoli.*

(2) *Id-Deċiżjoni 2008/68 hija annullata sa fejn teskludi mill-finanzjament Komunitarju l-infiq imwettaq mir-Renju ta' Spanja fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa barra mit-terminu ta' 24 xahar li jippreċeda d-data tan-notifika tal-ittra tal-Kummissjoni, tal-24 ta' Novembru 2004, li hija stedina għal-laqgħa bilaterali tal-21 ta' Diċembru 2004, sa fejn dan l-infiq huwa kopert mill-korrezzjoni applikata minħabba l-fatt li l-proposti tal-aġenzija taż-żejt taż-żebbuġa konsekuttivi għall-kontrolli mwettqa fuq l-imtieħen ingħataw segwitu insuffiċjenti mill-awtoritajiet Spanjoli.*

(3) *Ir-Renju ta' Spanja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom, it-tnejn li huma, ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom relatati kemm mal-proċedura fl-ewwel istanza u kemm ma' din il-proċedura ta' appell.*

([1]) ĠU C 95, 26.03.2011

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-26 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) — lr-Renju Unit) — The Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs vs Able UK Ltd

(Kawża C-225/11) [1]

(VAT — Direttiva 2006/112/KE — Eżenzjonijiet — Artikolu 151(1)(ċ) — Operazzjoni ta' żmuntaġġ ta' bastimenti li ma għadhomx jintużaw mill-flotta Amerikana magħmula fit-territorju ta' Stat Membru)

(2012/C 174/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: The Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs

Konvenuta: Able UK Ltd

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) (Ir-Renju Unit) — Interpretazzjoni tal-Artikolu 151(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Eżenzjonijiet fir-rigward ta' ċerti operazzjonijiet imqabbla mal-esportazzjonijiet — Operazzjoni ta' żmuntaġġ ta' bastimenti li ma għadhomx jintużaw mill-flotta Amerikana magħmula fit-territorju ta' Stat Membru

Dispożittiv

L-Artikolu 151(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li provvista ta' servizzi, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, magħmula fi Stat Membru kontraenti fit-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana u li tikkonsisti fiż-żmuntaġġ ta' bastimenti li ma għadhomx jintużaw mill-flotta ta' Stat ieħor kontraenti f'dan it-trattat, hija, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, eżenti mit-taxxa fuq il-valur miżjud biss meta:

- *din il-provvista hija magħmula għal impjegati tal-forzi armati ta' dan l-Istat ieħor li jipparteċipaw fl-isforz komuni tad-difiża jew għall-impjegati ċivili li jakkumpanjawhom, u li*
- *din l-istess provvista hija magħmula għal impjegati tal-imsemmija forzi armati stazzjonati jew fuq żjara fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew għall-impjegati ċivili li jakkumpanjawhom.*

[1] ĠU C 211, 16.07.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 — Legris Industries SA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-289/11 P) [1]

(Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Kumpannija parent u kumpannija sussidjarja — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur)

(2012/C 174/18)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Legris Industries SA (rappreżentanti: A. Wachsmann u S. Thibault-Liger, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: C. Giolito, aġent)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-24 ta' Marzu 2011 — Legris Industries vs Il-Kummissjoni (T-376/06) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 4180 finali, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121) — Attrezzaturi) — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Ksur ta' dritt għal qorti indipendenti u imparzjali — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Ksur tal-prinċipji ta' trattament ugwali, ta' responsabbiltà individwali u ta' individwalità tal-pieni — Żnaturament tal-provi

Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Legris Industries SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 252, 27.08.2011

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-3 ta' Mejju 2012 — Comap SA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-290/11 P) [1]

(Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Multi — Tul tal-ksur — Kunċett ta' "kontinwità")

(2012/C 174/19)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Comap SA (rappreżentanti: A. Wachsmann u S. de Guigné, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: C. Gioito, aġent)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (it-Tmien Awla) tal-24 ta' Marzu 2001, Comap vs Il-Kummissjoni (T-377/06) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 4180 finali, tal-20 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F-1/38.121) — Attrezzaturi) — Settur tal-attrezzaturi tar-ram u tal-liga tar-ram — Ksur tad-dritt għal qorti indipendenti u imparzjali — Ksur tal-prinċipju ta' interpretazzjoni stretta tal-liġi kriminali — Kunċett ta' "disassoċjazzjoni pubblika" — Żnaturament tal-provi — Nuqqas ta' motivazzjoni

Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Comap SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 252, 27.08.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-10 ta' April 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesgerichtshof — Il-Ġermanja) — proċeduri kriminali kontra Minh Khoa Vo

(Kawża C-83/12 PPU) ([1])

(Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Regolament (KE) Nru 810/2009 — Kodiċi Komunitarju dwar il-viżi — Artikoli 21 u 34 — Leġiżlazzjoni nazzjonali — Introduzzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju ta' Stat Membru — Viżi miksuba b'qerq — Sanzjoni kriminali tat-traffikant)

(2012/C 174/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Parti fil-proċedura kriminali prinċipali

Minh Khoa Vo

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesgerichtshof — Interpretazzjoni tal-Artikoli 21 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (ĠU L 243, p. 1) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissanzjona kriminalment lit-traffikant li daħħal persuni ta' nazzjonalità barranija illegalment fit-territorju nazzjonali — Applikabbiltà ta' sanzjonijiet fil-każ ta' persuni ta' nazzjonalità barranija li jkollhom viża miksuba b'qerq mingħand awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor, li madankollu ma tkunx għadha ġiet annullata skont dan ir-regolament

Dispożittiv

L-Artikoli 21 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux li dispożizzjonijiet nazzjonali jrendu l-għajnuna għall-immigrazzjoni illegali suġġetta għal sanzjonijiet kriminali f'każijiet fejn il-persuni li jkunu daħlu, ċittadini ta' pajjiż terz, ikollhom viża li jkunu kisbu b'qerq, billi jkunu tqarrqu bl-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' ħruġ fir-rigward tal-veru għan tal-vjaġġ tagħhom, mingħajr ma din il-viża tkun ġiet preċedentement annullata.

([1]) ĠU C 126, 28.04.2012

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fis-6 ta' Marzu 2012 — Josef Probst vs mr.nexnet GmbH

(Kawża C-119/12)

(2012/C 174/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermanja

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Josef Probst

Konvenuta: mr.nexnet GmbH

Domanda preliminari

L-Artikoli 6(2) u 6(5) tad-Direttiva 2002/58/KE ([1]) jippermettu lill-fornitur ta' servizi li jittrażmetti data dwar it-traffiku liċ-ċessjonarju ta' kreditu dwar ir-remunerazzjoni għal servizzi ta' telekomunikazzjoni, meta ċ-ċessjoni, li l-finalità tagħha tkun l-irkupru ta' krediti ttrasferiti, hija rregolata mid-dispożizzjonijiet kuntrattwali li ġejjin, li jiżdiedu mal-obbligu ġenerali ta' osservanza tas-sigriet tat-telekomunikazzjonijiet u l-protezzjoni tad-data skont ir-regoli legali fis-seħħ:

il-fornitur tas-servizz u ċ-ċessjonarju jimpenjaw rwieħhom li jipproċessaw u jużaw id-data protetta biss fil-qafas tal-kooperazzjoni bejniethom u esklużivament għall-għan segwit mill-kuntratt u bil-manjiera speċifikata fil-kuntratt;

ġaladarba l-għarfien tad-data protetta ma jkunx għadu neċessarju għat-twettiq ta' dan il-għan, id-data protetta kollha f'dan il-qafas għandha titħassar b'mod irrimedjabbli jew tingħata lura;

kull parti kontraenti tista' tivverifika li l-parti l-oħra tosserva r-regoli ta' sigurtà u ta' protezzjoni tad-data ddefiniti fil-kuntratt;

id-dokumenti, u informazzjoni mibgħuta b'mod kunfidenzjali għandhom ikunu accessibili biss għall-impjegati li jeħtiġuhom sabiex jeżegwixxu l-kuntratt;

il-partijiet kontraenti għandhom jimponu fuq l-impjegati tagħhom obbligu ta' kunfidenzjalità bħal dak previst fil-kuntratt;

fuq talba ta' parti, jew l-iktar tard, meta tintemm il-kooperazzjoni bejn il-partijiet, l-informazzjoni kunfidenzjali kollha eżistenti f'dan il-qafas għandha tithassar b'mod irrimedjali jew tingħata lura lill-parti l-oħra?

(1) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002, dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Granada (Spanja) fit-8 ta' Marzo 2012 — Promociones y Construcciones BJ 200 S.L. *et*

(Kawża C-125/12)

(2012/C 174/22)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Granada.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Promociones y Construcciones BJ 200 S.L., Ignacio Alba Muñoz, Kuratur ta' Promociones y Construcciones BJ 200 S.L., u l-Agencia Estatal de la Administración Tributaria

Domandi preliminari

(1) L-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (1), tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, li skontu "*1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT hija l-persuna taxxabbli li lilha jsiru l-fornimenti li ġejjin: […] (g) il-forniment ta' proprjetà immobbli mibjugħa mid-debitur tas-sentenza fi proċedura ta' bejgħ obbligatorju*", għandu jiġi interpretat, meta l-proċedura ġudizzjarja hija proċedura kollettiva mibdija permezz tad-dikjarazzjoni ta' insolvenza ta' dan id-debitur, fis-sens li dan jirreferi biss għat-trasferimenti li strettament jirriflettu l-fatt li din hija proċedura ta' likwidazzjoni jew li din laħqet il-fażi ta' likwidazzjoni, b'mod li t-trasferiment ta' tali beni għandu jseħħ wara l-likwidazzjoni globali tal-patrimonju tad-debitur, jew, peress li proċedura ta' insolvenza tista' twassal b'mod partikolari għal-likwidazzjoni tal-impriża insolventi, fis-sens li dan ikopri wkoll kull trasferiment ta' beni immobbli mwettaq mid-debitur iddikjarat insolventi matul proċedura ta' insolvenza?

(2) L-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-"proċedura ta' bejgħ obbligatorju" li huwa jirreferi għaliha tinkludi proċedura ġudizzjarja kollettiva ta' insolvenza li fiha kien hemm bejgħ volontarju, mhux relatat ma' kwalunkwe fażi ta' likwidazzjoni obbligatorja tal-patrimonju tad-debitur u għal sempliċi raġunijiet ta' opportunità, ta' wieħed jew iktar mill-beni tiegħu jew, għall-kuntrarju, fis-sens li dan jirreferi biss għall-proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata intiżi sabiex jiġu likwidati l-beni tad-debitur tas-sentenza?

(3) F'dan l-aħħar każ, jekk l-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, jirreferi strettament għall-proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata intiżi sabiex jiġu likwidati l-beni tad-debitur tas-sentenza, din l-istess dispożizzjoni tista' tinftiehem fis-sens li din teskludi l-inverżjoni tal-persuna suġġetta għall-VAT fil-każijiet kollha ta' trasferiment ta' beni immobbli minn debitur iddikjarat insolventi minħabba raġunijiet ta' opportunità, fl-interess tal-kredituri u mhux relatat ma' kwalunkwe proċedura ta' likwidazzjoni globali tal-beni tiegħu, b'tali mod li għandha titwarrab l-applikazzjoni ta' liġi nazzjonali li wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva 2006/112 fir-rigward ta' każijiet li din id-dispożizzjoni ma tipprevedix?

(1) ĠU L 347, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht des Landes Sachsen-Anhalt (il-Ġermanja) fit-8 ta' Marzu 2012 — Magdeburger Mühlenwerke GmbH vs Finanzamt Magdeburg

(Kawża C-129/12)

(2012/C 174/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht des Landes Sachsen-Anhalt (il-Ġermanja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Magdeburger Mühlenwerke GmbH

Konvenuta: Finanzamt Magdeburg

Domanda preliminari

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/183/KE, tal-20 ta' Mejju 1998, dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tat-trasformazzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli li tista' tingħata fil-Ġermanja abbażi ta' skemi ta' għajnuna eżistenti għal għan reġjonali (1) tat lil-leġiżlatur Ġermaniż marġni ta' diskrezzjoni,

għall-finijiet tal-formulazzjoni tal-punt 4 tat-tieni sentenza tal-Artikolu 2 tal-Liġi dwar għotjiet ta' investiment (Investitionszulagengesetz 1996) kif emendata bil-Liġi dwar l-eżenzjonijiet fiskali (Steuerentlastungsgesetzes 1999) tad-19 ta' Diċembru 1998, b'tali mod li dan il-marġni ta' diskrezzjoni jkopri skema li tiffavorixxi l-investimenti koperti minn din l-iskema, li fir-rigward tagħhom id-deċiżjoni definittiva ta' investiment ittieħdet qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew qabel il-pubblikazzjoni fil-Bundessteuerblatt (BStBL) tal-miżuri proposti, filwaqt li l-provvista tal-oġġetti kapitali kif ukoll id-determinazzjoni u l-ħlas tal-għotja jsiru wara?

(1) C(1998) 1712 (ĠU 1999, L 60, p. 61).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fid-19 ta' Marzu 2012 — Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona vs Generalidad de Cataluña

(Kawża C-139/12)

(2012/C 174/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona.

Konvenut: Generalidad de Cataluña.

Domandi preliminari

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 77/388 (1), tas-17 ta' Mejju 1977 (attwalment id-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006), timponi, fl-Artikolu 13B(d)(5) tagħha, l-issuġġettar għall-VAT, mingħajr eżenzjoni, tal-operazzjonijiet li jikkonċernaw il-bejgħ ta' azzjonijiet imwettaq minn persuna taxxabbli, li jinvolvu l-akkwist tal-proprjetà ta' beni immobbli, fid-dawl tal-eċċezzjoni li din tipprevedi fir-rigward tas-sigurtajiet li l-pussess tagħhom jiżgura *de jure* jew *de facto* l-għoti fi proprjetà jew fi użufrutt ta' beni immobbli jew ta' parti minn beni immobbli?

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 77/388, tas-17 ta' Mejju 1977, tippermetti l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet, bħall-Artikolu 108 tal-Liġi Spanjola 24/1988 dwar is-suq tat-titoli, li tissuġġetta l-akkwist tal-maġġoranza tal-kapital tal-kumpannija, li l-attiv tagħha huwa essenzjalment magħmul minn immobbli, għal taxxa indiretta separata mill-VAT, imsejħa "taxxa fuq it-trasferimenti patrimonjali", mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-eventwali status ta' impriża tal-parteċipanti fl-operazzjoni u, għaldaqstant, mingħajr ma jiġi eskluż il-każ fejn, kieku kien hemm trasferiment dirett ta' immobbli u mhux ta' azzjonijiet, l-operazzjoni kienet tkun suġġetta għall-VAT?

(3) Dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 108 tal-Liġi Spanjola dwar is-suq tat-titoli, tat-28 ta' Lulju 1988, kif emendata bit-tnax-il dispożizzjoni addizzjonali tal-Liġi 18/1991, li tintaxxa l-akkwist tal-maġġoranza tal-kapital ta' kumpanniji, li l-attiv tagħhom huwa essenzjalment magħmul minn beni immobbli li jinsabu fi Spanja, mingħajr ma tippermetti li tiġi prodotta l-prova li l-kumpannija li jittieħed il-kontroll tagħha teżerċità attività ekonomika, hija kompatibbli mal-libertà ta' stabbiliment iggarantita mill-Artikolu 43 TKE (attwalment l-Artikolu 49 TFUE) u mal-moviment liberu tal-kapital previst fl-Artikolu 56 TKE (attwalment l-Artikolu 63 TFUE)?

(1) tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-151/12)

(2012/C 174/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Valero Jordana u B. Simon, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja

Talbiet tar-rikorrenti

— tikkonstata li, f'dak li jikkonċerna l-baċini tax-xmara intra-Komunitarji tiegħu, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 4(8), 7(2), 10(1) u (2) u s-Sezzjonijiet 1.3 u 1.4 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2000, li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (1)

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/60 indikati fit-talbiet tar-rikors, twettqet b'mod żbaljat mir-Renju ta' Spanja, peress li l-leġiżlazzjoni Spanjola tapplika biss għall-baċini tax-xmara inter-Komunitarji fi Spanja. Konsegwentement, it-traspożizzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet ma saritx fl-ordinament ġuridiku Spanjol għal dak li jikkonċerna l-baċini intra-Komunitarji (li l-ilma tagħhom jgħaddi ġewwa Komunità Awtonoma).

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija

(Kawża C-152/12)

(2012/C 174/26)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Vasileva u H. Støvlbæk)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Bulgarija

Talbiet

Il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li r-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 7(3) u 8(1) tad-Direttiva 2001/14/KE [1];

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Fir-rikors tagħha tas-16 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni" titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tikkonstata li r-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 7(3) u 8(1) tad-Direttiva 2001/14/KE peress li s-sistema ta' tariffar tal-amministratur tal-infrastruttura fil-Bulgarija ma hijiex ibbażata fuq l-ispiża direttament imputabbli fuq l-operat tas-servizz ferrovjarju, skont l-Artkolu 7(3) tad-Direttiva 2001/14/KE. Barra minn hekk, il-Bulgarija ma ddikjaratx li hija bbażat il-piżijiet tagħha fuq sistema intiża sabiex titħallas l-ispiża totali, skont l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva ċċitata iktar 'il fuq. Għalhekk, il-Bulgarija għandha, fi kwalunkwe każ, tagħmel mod li tissodisfa r-rekwiżiti msemmija f'dan l-Artikolu.

Il-Kummissjoni ssostni l-argumenti prinċipali segwenti:

(1) Il-kunċett ta' spiża direttament imputabbli fuq l-operat tas-servizz ferrovjarju għandu jinftiehem bħala l-ispiża marġinali direttament imputabbli fuq l-użu reali tal-infrastruttura ferrovjarja, imsejħa wkoll "spiża diretta" imputabbli fuq servizz ferrovjarju partikolari. Konsegwentement, din l-ispiża tvarja skont l-użu jew in-nuqqas ta' użu tal-infrastruttura ferrovjarja. Bl-istess loġika, l-ispiża akkumulata b'mod indipendenti mill-użu reali tal-infrastruttura ferrovjarja ma tistax titqies bħala spiża diretta, minkejja li din tkun marbuta ma' attivitajiet jew ma' merkanzija essenzjali għall-finijet taċ-ċirkulazzjoni tal-ferroviji fuq ċerti linji. Din l-ispiża hija kostanti, fis-sens li hija takkumula anki meta ma jsir ebda użu mill-infrastruttura ferrovjarja.

(2) Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-formulazzjoni tal-Artikolu 7(3), li jirrigwarda l-ispiża "direttament involuta bħala riżultat ta' l-operazzjoni tas-servizz tal-ferrrovija [direttament imputabbli fuq l-operat tas-servizz ferrovjarju]". L-ispiża kostanti marbuta man-netwerk ferrovjarju kollu ma hijiex "direttament involuta [imputabbli]" fuq l-operat ta' servizz ferrovjarju partikolari. Għaldaqstant, il-frażi "direttament involuta [imputabbli]" jikkaratterizza l-ispiża addizzjonali relattiva għall-operat ta' servizz ferrovjarju partikolari. L-interpretazzjoni ċċitata iktar 'il fuq hija wkoll ikkorroborata mill-qari kuntestwali tal-Artikolu 7(3). L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-prinċipji ta' tariffar, filwaqt li l-Artikolu 8 isemmi l-eċċezzjonijiet potenzjali għal dawn il-prinċipji. L-Artikolu 8(1) jinvoka l-fatt li "(…) ikun hemm irkupru sħiħ ta' l-ispejjeż magħmula mill-amministratur ta' l-infrastruttura (…)", li jfisser li l-ispiża li l-Artikolu 7(3) jikkonċerna ma tistax tkun l-ispiża finali tal-amministratur tal-infrastruttura, iżda din hija l-ispiża direttament imputabbli fuq l-operat ta' servizz ferrovjarju partikolari, jiġifieri spiża iktar baxxa mill-ispiża finali. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mis-seba' premessa tad-Direttiva 2001/14/KE, liema premessa tinkoraġġixxi l-użu ottimali tal-infrastruttura ferrovjarja mill-ikbar numru ta' utenti possibbli, li timplika tariffar ftit li xejn elevat.

(3) Il-Kummissjoni tqis li l-amministratur tal-infrastruttura għandu jqiegħed l-infrastruttura għad-dispożizzjoni tat-trasportaturi ferrovjarji, bit-tariffi tiegħu stess, u li dawn tal-aħħar għandhom iħallsu piżijiet li jikkorrispondu għall-ispiża diretta. Din tiġi spjegata mill-bżonn li l-infrastruttura ferrovjarja ssir iktar attraenti sabiex tintuża minn numru kbir ta' trasportaturi ferrovjarji u sabiex dan l-użu jiġi ottimizzat minn kull wieħed minn dawn tal-aħħar. L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2001/14/KE jista' jintuża biss meta l-kundizzjonijiet imsemmija fih huma ssodisfati, jiġifieri: għat-taqsimiet kollha tas-suq li għalihom l-amministratur tal-infrastruttura fi ħsiebu jiġbor mark-ups, dan l-amministratur għandu qabelxejn jivverifika jekk l-imsemmija taqsimiet jifilħux tali mark-ups. Din l-interpretzzjoni tirriżulta mill-formulazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) — "(…) jekk is-suq jiflaħ dan (…)" —, kif ukoll mill-formulazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2), li hija din li ġejja: "(…) l-livell tal-piżijiet m'għandux jeskludi l-użu ta' infrastruttura minn taqsimiet tas-suq li jistgħu iħallsu għall-inqas l-ispejjeż magħmula direttament b'riżultat ta' l-operazzjoni tas-servizz tal-ferrovija (…)".

(4) L-analiżi kompleta tal-ispiża u tal-piżijiet tal-amministratur Bulgaru tal-infrastruttura għas-snin 2005 sa 2008 juri li 60 sa 70 % tal-ispiża operazzjonali diretta kkalkulata fil-Bulgarija hija bbażata fuq elementi kostanti, b'mod iktar partikolari fuq is-salarji u l-kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissjoni waslet għall-konkużjoni li din l-ispiża ma tistax titqies bħala spiża diretta fis-sens tal-Artikolu 7(3) peress li din ma tvarjax fil-każ ta' operat ta' servizzi ferrovjarji. Konsegwentement, id-dħulijiet mill-piżijiet ta' użu tal-infrastruttura huma ħafna iktar għolja milli t-total tal-ispiża operazzjonali diretta. Minn dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li fil-Bulgarija, il-piżijiet ma humiex stabbiliti esklużivament abbażi tal-ispiża direttament imputabbli fuq l-operat ta' servizzi ferrovjarji.

(5) Abbażi tal-informazzjoni li ġiet ipprovduta lilha, il-Kummissjoni kkonstatat li l-metodu applikat mill-Bulgarija f'dak li jirrigwarda t-tariffar tal-infrastruttura tal-ferroviji ma għandu ebda rabta manifesta mal-analiżi tal-ispiża diretta fis-sens tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2001/14/KE.

[1] Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal de première instance de Bruxelles (il-Belġju) fid-29 ta' Marzu 2012 — Isera & Scaldis Sugar SA, Philippe Bedoret and Co SPRL, Jean Rigot, Mathieu Vrancken vs Bureau d'intervention et de restitution belge (BIRB)

(Kawża C-154/12)

(2012/C 174/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal de première instance de Bruxelles

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Isera & Scaldis Sugar SA, Philippe Bedoret and Co SPRL, Jean Rigot, Mathieu Vrancken

Konvenut: Bureau d'intervention et de restitution belge (BIRB)

Domanda preliminari

L-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru318/2006, tal-20 ta' Frar 2006, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1], li issa huwa l-Artikolu 51 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli [2], billi jimponi fuq is-settur "zokkor-pitravi" taxxa ta' EUR 12 għal kull tunnellata ta' zokkor li jaqa' fil-kwota, huwa invalidu:

— sa fejn il-bażi legali użata mil-leġiżlatur għall-introduzzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija t-tielet paragrafu tal-ex Artikolu 37(2) tat-Trattat KE, li issa huwa l-Artikolu 43(2) tat-Trattat FUE;

— sa fejn il-leġiżlatur, li ġġustifika t-taxxa bħala miżura intiża sabiex tiffinanzja l-ispejjeż tal-"OKS taz-zokkor" filwaqt li fil-verità hija tiffinanzja l-għajnuna diretta u/jew hija intiża sabiex tippreżerva n-newtralità baġitarja tar-riforma "Zokkor 2006", ma jurix b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament għall-introduzzjoni tat-taxxa bħal kif inhu meħtieġ mill-Artikolu 296 tat-Trattat FUE (ex Artikolu 253 tat-Trattat KE);

— sa fejn, peress li l-industrija "zokkor-pitravi" hija l-uniku settur li fuqu ġiet imposta tali taxxa li tikkontribwixxi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, it-taxxa għandha titqies li hija diskriminatorja kemm bejn dawk li jkabbru l-ħxejjex li żammew il-produzzjoni tal-pitravi u dawk li waqqfu minn din il-produzzjoni, kif ukoll bejn l-industrija "zokkor-pitravi" u kull settur agrikolu jew mhux agrikolu ieħor;

— sa fejn it-taxxa għandha titqies li tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità billi la hija xierqa, la hija neċessarja għall-finanzjament tal-ispejjeż fl-"OKS taz-zokkor", u lanqas ma hija proporzjonata meta mqabbla mal-ispejjeż reali u mal-prospettivi ta' spejjeż fl-"OKS taz-zokkor"?

[1] ĠU L 58, p. 1.
[2] ĠU L 299, p. 1.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda

(Kawża C-158/12)

(2012/C 174/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Petrova, K. Mifsud-Bonnici, agenti)

Konvenuta: L-Irlanda

Talbiet

— tiddikjara li, billi ma ħarġitx il-permessi skont l-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 2008/1/KE [1] jew, kif xieraq, billi ma kkunsidratx mill-ġdid, u, fejn meħtieġ, billi ma aġġornatx il-kundizzjonijiet tal-permessi, fir-rigward ta' 13-il faċilità eżistenti għat-trobbija tal-majjali u għat-trobbija tat-tjur fl-Irlanda, u b'hekk naqset li tiżgura li dawn il-faċilitajiet eżistenti joperaw skont l-Artikoli 3, 7, 9, 10 u 13, l-Artikolu 14(1) u (b) u Artikolu 15(2) tad-Direttiva IPPC sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ottubru 2007, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligu tagħha skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva IPCC.

— tikkundanna lill-Irlanda għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva IPPC, l-Istati Membri kienu obbligati li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jew joħorġu l-permessi skont l-Artikoli 6 u 8 jew, kif xieraq, jerġgħu jikkunsidraw u, fejn meħtieġ, jaġġornaw il-kundizzjonijiet tal-permess eżistenti sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ottubru 2007.

Mill-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-faċilitajiet eżistenti għat-trobbija tal-majjali u għat-trobbija tat-tjur fl-Irlanda għadhom joperaw mingħajr ebda permess IPPC u għalhekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Irlanda naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva.

(1) Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Jannar 2008, dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż ĠU L 24, p. 8.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fil-11 ta' April 2012 — Peter Pinckney vs KDG médiatech AG

(Kawża C-170/12)

(2012/C 174/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Peter Pinckney

Konvenuta: KDG médiatech AG

Domandi preliminari

(1) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (1), għandu jiġi interpretat fis-sens li f'każ ta' allegat ksur tad-drittijiet tal-awtur imwettaq permezz ta' kontenut impoġġi fuq l-internet f'sit tal-internet,

— il-persuna li tqis li ġarrbet ksur għandha l-għażla li tressaq azzjoni għad-danni quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru fit-territorju li fih kontenut impoġġi fuq l-internet huwa jew kien aċċessibbli, bil-għan li jinkiseb kumpens għas-sempliċi dannu kkawżat fit-territorju tal-Istat Membru tal-qorti li quddiemha qed titressaq il-kawża,

jew

— huwa barra minn hekk meħtieġ li dawn il-kontenuti jkunu jew kienu destinati lill-pubbliku li jinsab fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, jew għandu jkun hemm rabta oħra ċara?

(2) Għandha tingħata l-istess risposta għad-domanda 1) jekk l-allegat ksur għad-drittijiet tal-awtur jirriżulta mhux mit-tpoġġija fuq l-internet ta' kontenut żmaterjalizzat, iżda, bħal fil-każ preżenti, mit-tpoġġija fuq l-internet ta' mezz materjali li jirriproduċi dan il-kontenut?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42

Appell ippreżentat fil-11 ta' April 2012 minn Carrols Corp kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-1 ta' Frar 2012 fil-Kawża T-291/09 — Carrols Corp. vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) u Giulio Gambettola

(Kawża C-171/12)

(2012/C 174/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Appellanti: Carrols Corp. (rappreżentant: I. Temiño Ceniceros, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) u Giulio Gambettola

Talbiet tal-appellanti

— tannulla totalment is-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-291/09 tal-1 ta' Frar 2012;

— tilqa' t-talbiet kollha mressqa fl-ewwel istanza.

Aggravji u argumenti prinċipali

Il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 (1) u l-ġurisprudenza li tinterpretaha

Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li "fir-rigward tal-identità tas-sinjali inkwistjoni, hija ma ppruvatx il-*mala fide* tal-intervenjent fin-nuqqas ta' kull prova oħra rilevanti".

Fil-fatt, fis-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli, (C-529/07, Ġabra p. I-4893), ġie enfasizzat li "l-eżistenza tal-mala fide tal-applikant […] għandha tiġi evalwata globalment, b'kunsiderazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti tal-każ ineżami" (punt 37 tas-sentenza). Madankollu, il-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat analizzat kull fatt b'mod individwali u iżolat u naqset milli tieħu perspettiva globali, u żiedet b'mod inġustifikat l-oneru tal-prova fuq l-appellanti, bi ksur tad-dritt tagħha ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

(1) Regolament tal-Kunsill 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja, ĠU L 78, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (Il-Ġermanja) fit-18 ta’ April 2012 — Yvon Welte vs Finanzamt Velbert

(Kawża C-181/12)

(2012/C 174/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Yvon Welte

Konvenut: Finanzamt Velbert

Domanda preliminari

L-Artikoli 56 u 58 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu sistema speċifika tad-drittijiet ta’ suċċessjoni ta’ Stat Membru, li tipprovdi għal allowance ta’ EUR 2 000 biss fil-każ fejn persuni li ma humiex residenti jiksbu, fir-rigward ta’ suċċessjoni ta’ persuna mhux residenti, art li tinsab f’dan l-Istat Membru, filwaqt li l-allowance tkun ta’ EUR 500 000 fir-rigward ta’ din is-suċċessjoni jekk il-mejjet jew il-benefiċjarju kien jirrisjedi fl-Istat Membru inkwistjoni meta seħħ il-mewt?

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2012 — Conceria Kara vs UASI — Dima (KARRA)

(Kawża T-270/10) [1]

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali KARRA — Trade marks nazzjonali u Komunitarji figurattivi preċedenti Kara — Isem korporattiv Conceria Kara Srl u isem kummerċjali Kara — Raġunijiet relattivi għal rifjut — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 75, tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi — Mala fide")

(2012/C 174/32)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Conceria Kara Srl (Trezzano sul Naviglio, l-Italja) (rappreżentant: P. Picciolini, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Mannucci, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Dima — Gida Tekstil Deri Insaat Maden Turizm Orman Urünleri Sanayi Ve Ticaret Ltd Sti (Istanbul, it-Turkija)

Suġġett

Rikors għal annullament ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal- UASI, tad-29 ta' Marzu 2010, (Każ R 1172/2009-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Conceria Kara Srl u Dima — Gida Tekstil Deri Insaat Maden Turizm Orman Urünleri Sanayi Ve Ticaret Ltd Sti.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Concerta Kara Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 221, 14.08.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 2012 — Universal Display vs UASI (UniversalPHOLED)

(Kawża T-435/11) [1]

("Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Komunità Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali UniversalPHOLED — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7, (1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2012/C 174/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Universal Display Corp. (Ewing, New Jersey, L-Istati Uniti) (rappreżentanti: A. Poulter u C. Lehr, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-18 ta' Mejju 2011 (Każ R 215/2011-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Universal-PHOLED bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Universal Display Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 298, 8.10.2011.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' April 2012 — de Brito Sequeira Carvalho vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-40/07 P-REV u T-62/07 P-REV) [1]

("Proċeduri — Talba għal reviżjoni — Fatt ġdid — Assenza — Inammissibbiltà")

(2012/C 174/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: José António de Brito Sequeira Carvalho (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Boury, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

Suġġett

Talba għal reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ottubru 2009, de Brito Sequeira Carvalho vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs de Brito Sequeira Carvalho (T-40/07 P u T-62/07 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra).

Dispożittiv

(1) *It-talba għal reviżjoni hija miċħuda bħala inammissibbli.*

(2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 82, 14.04.2007.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' April 2012 — El Fatmi vs Il-Kunsill

(Kawżi magħquda T-76/07, T-362/07 u T-409/08) ([1])

("Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu — Tħassir tal-lista tal-persuni kkonċernati — Rikors għall-annullament — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2012/C 174/35)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrent: Nouriddin El Fatmi (Vught, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: G. Pulles u A. M. van Eik (Kawżi T-76/07, T-362/07 u T-409/08), J. Pauw (Kawżi T-76/07 u T-362/07) u M. Uiterwaal (T-76/07), avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment G. J. Van Hegelsom u E. Finnegan (T-76/07 u T-362/07), sussegwentement B. Driessen u E. Finnegan (T-76/07, T-362/07 u T-409/08), aġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenut: Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: inizjalment C. Wissels, M. de Mol u Y. de Vries, kif ukoll M. de Grave (Kawża T-76/07), sussegwentement C. Wissels, M. Bulterman u J. Langer, aġenti]; u l-Kummissjoni Ewropea [rappreżentanti: S. Boelaert u P. van Nuffel, kif ukoll, inizjalment, J. Aquilina (Kawża T-76/07), aġenti)

Suġġett

Essenzjalment, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1008/KE, tal-21 ta' Diċembru 2006, li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU L 200M, p. 532), issostitwita suċċessivament bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2007/445/KE, tat-28 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 169, p. 58), 2007/868/KE, tal-20 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 340, p. 100), 2008/583/KE, tal-15 ta' Lulju 2008 (ĠU L 188, p. 21), 2009/62/KE, tas-26 ta' Jannar 2009 (ĠU L 23, p. 25), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 501/2009, tal-15 ta' Ġunju 2009 (ĠU L 151, p. 14), ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1285/2009, tat-22 ta' Diċembru 2009 (ĠU L 346, p. 39), (UE) Nru 610/2010, tat-12 ta' Lulju 2010 (ĠU L 178, p. 1), (UE) Nru 83/2011, tal-31 ta' Jannar 2011 (ĠU L 28, p. 14), u (UE) Nru 687/2011, tat-18 ta' Lulju 2011 (ĠU L 188, p. 2), sa fejn isem ir-rikorrenti jidher fil-lista tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001, tas-27 ta' Diċembru 2001, dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18 Vol. 1, p. 207).

Dispożittiv

(1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

(2) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

([1]) ĠU C 117, 26.05.2007.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' April 2012 — Pachtitis vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-374/07) ([1])

(Servizz Pubbliku — Reklutaġġ — Kompetizzjoni ġenerali — Ċaħda ta' talba intiża sabiex tinkiseb kopja tal-mistoqsijiet u tat-tweġibiet għat-testijiet ta' aċċess — Nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti Ġenerali — Rinviju lit-Tribunal tas-Servizz Pubbliku)

(2012/C 174/36)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Dimitrios Pachtitis (Ateni, Il-Greċja) (rappreżentanti: inizjalment P. Giatagantzidis u V. Niagkou, sussegwentement P. Giatagantzidis u S. Stavropoulou, sussegwentement P. Giatagantzidis u K. Kyriazi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u I. Chatzigiannis, aġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tar-rikorrent: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: E.-M. Mamouna u K. Boskovits, aġenti); Ir-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: A. Falk u S. Johannesson, aġenti); u Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) (rappreżentanti: H. Hijmans, aġent)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) tas-27 ta' Ġunju 2007, li tiċħad t-talba tar-rikorrent sabiex jikseb aċċess għall-mistoqsijiet li kienu sarulu fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/77/06, għat-tweġibiet li kien ta għal dawn il-mistoqsijiet u għall-lista ta' tweġibiet korretti għall-imsemmija mistoqsijiet u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita ta' rifjut tat-talba konfermattiva, li r-rikorrent kien ippreżenta quddiem l-EPSO fl-10 ta' Lulju 2007.

Dispożittiv

(1) *Il-Kawża T-374/07 hija rrinvjata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea.*

(2) *L-ispejjeż huma riżervati.*

([1]) ĠU C 283, 24.11.2007

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' April 2012 — Alstom vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-517/09) ([1])

("Kompetizzjoni — Suq tat-transformers tal-elettriku — Deċiżjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni — Rifjut ta' aċċettazzjoni tal-istabbiliment ta' garanzija bankarja bħala forma ta' kopertura temporanja tal-multa — Tmiem tal-interess ġuridiku — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2012/C 174/37)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Alstom (Levallois-Perret, Franza) (rappreżentanti: J. Derenne u A. Müller-Rappard, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet, N. von Lingen u K. Mojzesowicz, aġenti)

Suġġett

Min-naħa waħda, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7601 finali, tas-7 ta' Ottubru 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.129 — Transformers tal-Elettriku), li jimponu multa fuq ir-rikorrenti, u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, tal-10 ta' Diċembru 2009, li tiċħad garanzija bankarja, bħala mezz ta' rkupru temporanju ta' din il-multa.

Dispożittiv

(1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea, tal-10 ta' Diċembru 2009, li tiċħad garanzija bankarja, bħala forma ta' kopertura temporanja tal-multa imposta mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7601 finali, tas-7 ta' Ottubru 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.129 — Transformers tal-Elettriku).*

(2) *L-ispejjeż huma riżervati.*

([1]) ĠU C 51, 27.02.2010.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' April 2012 — F91 Diddeléng et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-341/10) ([1])

("Rikors għal annullament — Għeluq ta' ilment — Nuqqas ta' ftuħ ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' att li jista' jiġi kkontestat — Inammissibbiltà")

(2012/C 174/38)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: F91 Diddeléng (Dudelange, il-Lussemburgu); Julien Bonnetaud (Yutz, Franza); Thomas Gruszczynski (Amnéville, Franza); Rainer Hauck (Maxdorf, il-Ġermanja); Stéphane Martine (Esch-sur-Alzette, il-Lussemburgu); Grégory Molnar (Moyeuvre-Grande, Franza); u Yann Thibout (Algrange, Franza) (rappreżentanti: L. Misson, C. Delrée u G. Ernes, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Rozet u P. Van Nuffel, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Fédération Luxembourgeoise de Football (FLF) (Mondercange, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: inizjalment K. Daly, solicitor, u D. Keane, SC, sussegwentement K. Daly)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ġunju 2010 li ma tittiħidx azzjoni fir-rigward tal-ilment imressaq mir-rikorrenti kontra l-Fédération Luxembourgeoise de Football (FLF), talba għall-annullament tar-regolamenti tal-FLF li jiksru l-Artikoli 39 KE u 81 KE kif wkoll talba intiża sabiex tiġi deċiża "kull sanzjoni neċessarja".

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *F91 Diddeléng, Julien Bonnetaud, Thomas Gruszczynski, Rainer Hauck, Stéphane Martine, Grégory Molnar u Yann Thibout għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

(3) *Il-Fédération Luxembourgeoise de Football (FLF) għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 301, 06.11.2010.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2012 — Hassan vs Il-Kunsill

(Kawża T-572/11 R II)

("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi kontra s-Sirja — Iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Talba għal miżuri provviżorji — Talba ġdida — Fatti ġodda — Nuqqas — Inammissibbiltà")

(2012/C 174/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Samir Hassan (Damasku, is-Sirja) (rappreżentanti: É. Morgan de Rivery u E. Lagathu, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Kyriakopoulou u M. Vitsentzatos, aġenti)

Suġġett

Talba għal miżuri provviżorji, b'mod partikulari, talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-miżuri restrittivi li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta kontra s-Sirja, sa fejn dawn il-miżuri jikkonċernaw lir-rikorrent.

Dispożittiv

(1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

(2) *L-ispejjeż huma riżervati.*

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2012 — Ternavsky vs Il-Kunsill

(Kawża T-163/12 R)

("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi diretti kontra l-Bjelorussja — Iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà")

(2012/C 174/40)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Anatoly Ternavsky (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: C. Rapin u E. Van den Haute, avukati)

Konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-punt 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/171/PESK, tat-23 ta' Marzu 2012, li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU L 87, p. 95) u tal-punt 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 265/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja (ĠU L 87, p. 37)

Dispożittiv

(1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

(2) *L-ispejjeż huma riżervati.*

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2012 — Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-135/12)

(2012/C 174/41)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: E. Belliard, G. de Bergues, J. Gstalter u J. Rossi, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni fl-intier tagħha;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011) 9403 finali, tal-20 ta' Diċembru 2011, li tiddikkjara kompatibbli mas-suq intern, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-għajnuna mogħtija mir-Repubblika Franċiża lil France Télécom dwar ir-riforma tal-metodu ta' finanzjament tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Istat marbuta ma' France Télécom [għajnuna mill-Istat Nru C 25/2008 (ex NN 23/2008)].

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv, magħmul minn żewġ partijiet, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE sa fejn il-Kummissjoni kkunsidrat li r-riforma tal-metodu ta' finanzjament tal-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Istat li jaħdmu ma' France Télécom kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Ir-rikorrenti ssosnti li:

   — il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li t-tnaqqis tal-korrispettiv li kellu jitħallas lill-Istat minn France Télécom ma jeħlisx lil France Télécom mill-iżvantaġġ strutturali li batiet din l-impriża wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi tal-1990 u li l-miżura tagħti vantaġġ lil din l-impriża;

   — sussidjarjament, il-Kummissjoni kkunsidrat, żbaljatament, li France Télécom ibbenefikat minn vantaġġ sa mill-1996 minħabba l-ħlas ta' kontribuzzjoni f'somma f'daqqa eċċezzjonali minn din l-impriża.

(2) It-tieni motiv ibbażat, sussidjarjament, fuq ksur tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE sa fejn il-Kummissjoni ssuġġettat il-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni għall-osservanza tal-kundizzjoni imposti fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata. Dan it-tieni motiv huwa magħmul minn żewġ partijiet.

   — Permezz tal-ewwel parti, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 107(3)(c) TFUE meta kkunsidrat li r-rata ta' ekwità ta' kompetizzjoni ma kinitx intlaħqet f'dan il-każ minħabba n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tar-riskji mhux komuni fil-kalkolu tal-korrispettiv imħallas minn France Télécom wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi tal-1996.

   — Permezz tat-tieni parti, ir-rikorrenti ssostni, sussidjarjament, li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 107(3)(c) meta rrifjutat li tevalwa l-insuffiċjenza tar-rata ta' ekwità ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-ħlas ta' kontribuzzjoni f'somma f'daqqa eċċezzjonali minn France Télécom u meta kkonkludiet li din l-impriża ma kinitx tqegħdet f'sitwazzjoni ta' ekwivalenza kompleta mal-kompetituri tagħha sal-2043.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni peress li l-Kummissjoni rrifjutat li tqis ir-rata ta' 7 % bħala rata ta' attwalizzazzjoni tal-kontribuzzjoni f'somma f'daqqa eċċezzjonali.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' April 2012 — Deutsche Börse vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-175/12)

(2012/C 174/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Deutsche Börse AG (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Zschocke, J. Beninca u T. Schwarze, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni COMP/M.6166 Deutsche Börse/NYSE Euronext tal-1 ta' Frar 2012; u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-konvenuta naqset milli tevalwa sew r-restrizzjonijiet kompetittivi orizzontali li l-partijiet huma suġġetti għalihom, inkwantu l-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni tal-kummerċ ta' derivattivi *over-the-counter* ("OTC") u t-talba tagħha li r-restrizzjonijiet li l-partijiet allegatament jeżerċitaw fuq il-ħlasijiet ta' skambju ta' xulxin kienet ivvizzjata minn żbalji ta' liġi u ta' evalwazzjoni. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-partijiet jillimitaw lil xulxin permezz ta' kompetizzjoni ta' innovazzjoni hija manifestament żbaljata u l-analiżi tagħha tal-kompetizzjoni fost il-pjattaformi tal-kummerċ ma kinitx ibbażata fuq evidenza koerenti u konsistenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni naqset milli tikkunsidra b'mod xieraq ir-restrizzjonijiet min-naħa tad-domanda minħabba li naqset milli tanalizza u tevalwa r-rwol kruċjali tal-klijenti tal-partijiet fosthom hemm il-parteċipanti ewlenin ta' kummerċ OTC, u li twettaq kull analiżi kwantitattiva.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-evalwazzjoni mill-konvenut tat-talbiet ta' effiċjenzi tal-partijiet kienet ivvizzjata minn żbalji manifesti u ma kinitx sostnuta minn evidenza koerenti u konsistenti. Il-Kummissjoni aċċettat b'mod impreċiż biss xi wħud mill-effiċjenzi bħala verifikabbli, speċifiċi għall-għaqda u li x'aktarx direttament jibbenefikaw lill-klijenti, u b'mod żbaljat sostniet li ma kinux biżżejjed biex jikkontrobilanċjaw l-effetti kompetittivi tal-għaqda. Firrigward tal-evalwazzjoni tagħha ta' kemm tfaddil kollaterali u l-benefiċċji tal-likwidità, il-Kummissjoni kisret id-dritt tal-partijiet li jinstemgħu billi bbażat ruħha fuq evidenza u argumenti introdotti wara s-seduta orali li fiha l-partijiet ma ngħatawx l-opportunità li jikkummentaw. It-teorija "rkupru" tal-Kummissjoni u l-evalwazzjoni tagħha tal-ispeċifiċità tal-għaqda tat-tfaddil kollaterali kienu bbażati fuq teoriji u rekwiżiti ġodda li ma humiex sostnuti mil-Linji Gwidi tal-Kummissjoni dwar Għaqdiet Orizzontali ([1]).

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-konvenuta naqset milli tevalwa sew ir-rimedji offruti mill-partijiet. Iċ-ċaħda tal-impenn dwar il-ċessjoni sħiħa ta' NYX (ir-rikorrent u NYSE Euronext) tikkoinċidi man-negozju tad-derivattivi ta' ekwità waħda, inkluż iċ-ċessjoni tal-faċilità NYX' BClear, li kien ibbażat fuq evidenza żbaljata. L-allegata "Relazzjoni reċiproka" bejn ekwità waħda u derivattivi ta' indiċi ta' ekwità ma teżistix, tikkontradixxi l-analiżi tad-definizzjoni tas-suq tal-Kummissjoni stess, u tqajmet bi ksur tad-dritt tad-difiża tal-partijiet. Iċ-ċaħda tar-rabta tal-liċenzjar tas-softwer tal-Kummissjoni hija vvizzjata bi żball u tikkontradixxi l-konklużjonijiet tagħha dwar il-kompetizzjoni tat-teknoloġija.

([1]) Linji ta' gwida fuq l-istima jew kalkolu ta' l-għaqdiet orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 10)

Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2012 — Bank Tejarat vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża T-176/12)

(2012/C 174/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Bank Tejarat (Teheran, l-Iran) (rappreżentanti: S. Zaiwalla, P. Reddy, u F. Zaiwalla, solicitors, D. Wyatt, QC u R. Blakeley, barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-punt 2 tat-Tabella I.B. tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK, tat-23 ta' Jannar 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 19, p. 22), sa fejn jirrigwarda lir-rikorrent;

— tannulla l-punt 2 tat-Tabella I.B. tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru°54/2012, tat-23 ta' Jannar 2012 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 19, p. 1), sa fejn jirrigwarda lir-rikorrent;

— tannulla l-punt 105 tat-Tabella B tal-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Jannar 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1), sa fejn jirrigwarda lir-rikorrent;

— tiddikjara li l-Artikolu 20(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK ma japplikax għar-rikorrent;

— tiddikjara li l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 ma japplikax għar-rikorrent;

— tiddikjara li l-annullament tal-punt 2 tat-Tabella I.B. tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru°54/2012, kif ukoll tal-punt 105 tat-Tabella B tal-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 iseħħ b'effett immedjat; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq:

— il-fatt li l-kriterji sostantivi ta' inklużjoni għall-finijiet tal-miżuri kkontestati ma humiex sodisfatti fil-każ tar-rikorrent u li ma hemmx il-bażi ġuridika jew fattwali għal din l-inklużjoni; u/jew li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta kien qiegħed jiddeċiedi jekk ġewx sodisfatti jew le l-kriterji; u

— il-fatt li l-Kunsill inkluda lir-rikorrent abbażi ta' provi insuffiċjenti sabiex jistabbilixxi li l-kriterji kienu ġew sodisfatti u b'hekk wettaq żball (ieħor) manifest ta' evalwazzjoni, peress li r-rikorrent ma jissodisfa l-ebda waħda mill-ħames kriterji ta' inklużjoni previsti fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 267/2012; u li l-Kunsill ma ta ebda prova għal kuntrarju.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq:

— il-fatt li l-inklużjoni tar-rikorrent tikser id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tiegħu, inkluż id-dritt li jeżerċita l-attivitajiet ekonomiċi tiegħu u li jkollu tgawdija paċifika tal-proprjetà tiegħu, u/jew tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq:

— il-fatt li, fi kwalunkwe każ, l-Kunsill kiser il-forom proċedurali sostanzjali: (a) meta ma informax individwalment lir-rikorrent bl-inklużjoni tiegħu; (b) meta ma pprovdiex motivazzjoni suffiċjenti u xierqa; (c) meta ma rrispettax id-drittijiet tad-difiża u lanqas id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' April 2012 — Spraylat vs ECHA

(Kawża T-177/12)

(2012/C 174/44)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Spraylat GmbH (Aachen, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Fischer, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

Talbiet tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-ispiża amministrattiva imposta fuqha mill-konvenuta fil-21 ta' Frar 2012 (Fattura Nru 10030371) u lilha nnotifikata fil-21 ta' Frar 2012;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Sussidjarjament, ir-rikorrenti titlob li d-Deċiżjoni SME(2012) 1445, tal-15 ta' Frar 2012, tiġi annullata.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi:

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [1] u tar-Regolament (KE) Nru 340/2008 [2].

Ir-rikorrenti ssostni, kif stabbilit miż-żewġ regolamenti, li l-unika raġuni għalfejn tista' tiġi imposta spiża amministrattiva taħt l-Artkolu 13(4) tar-Regolament Nru 340/2008 hija sabiex jiġu koperti l-ispejjeż sostnuti mill-ECHA meta tivverifika reġistrazzjoni skont id-daqs ta' impriża, u li dan ma tteħidx inkunsiderazzjoni meta ġiet stabbilita l-ispiża amministrattiva skont id-deċiżjoni tal-kunsill amministrattiv tal-ECHA (MB/29/2010). Hija ssostni wkoll li ma huwiex possibbli li tiġi stabbilita l-ispiża amministrattiva li għandha titħallas abbażi tad-daqs ta' impriża, peress li dan iwassal għal sitwazzjoni fejn impriżi li huma ikbar iħallsu l-parti sostanzjali tal-ispejjeż involuti fl-evalwazzjoni ta' impriżi li huma iżgħar.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Skont dan il-prinċipju, l-impożizzjoni ta' spiża amministrattiva mill-konvenuta għandha tkun proporzjonali max-xogħol involut għall-konvenuta. Skont ir-rikorrenti, tqabbil tal-ħlas ta' (EUR 20 700) max-xogħol amministrattiv involut għall-konvenuta, juri li dan ma huwiex il-każ.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-ispejjeż amministrattivi differenti imposti skont id-daqs ta' impriża wkoll jikkostitwixxu inugwaljanza fit-trattament, li huwa illeċitu. Minbarra dan, bl-aġġustament tal-prattika amministrattiva tagħha, il-konvenuta kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali, peress li kkunsidrat ir-rikorrenti b'mod differenti minn impriżi rreġistrati oħra, li l-konvenuta ppermettiet, wara li rċeviet numru ta' reġistrazzjoni, li jagħmlu aġġustamenti għad-daqs tal-impriża rreġistrata sabiex jevitaw l-impożizzjoni ta' spiża amministrattiva.

(4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u d-dritt għal amministrazzjoni tajba.

Għalkemm il-konvenuta kienet taf li, fil-prattika, huwa diffiċli li jiġi kkomunikat id-daqs korrett ta' impriża fid-dawl tar-reġistrazzjoni, hija ma pprovdietx l-opportunità lir-rikorrenti — bi ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba — li taġġusta l-figuri tagħha sabiex tevita ħlas tal-ispiża amministrattiva.

(5) Il-ħames motiv ibbażat fuq delegazzjoni illeċita ta' kompetenzi leġiżlattivi tal-konvenuta.

L-Artikolu 13(4) tar-Regolament Nru 340/2008 jagħti lill-konvenuta s-setgħa li timponi spiża amministrattiva, mingħajr ma tispeċifika d-dettalji ta' kif spiża għandha tiġi imposta jew, b'mod partikolari, kwalunkwe dettalji dwar l-ispeża nnifisha. Fl-opinjoni tar-rikorrenti, dan jikkostitwixxi delegazzjoni illeċita ta' kompetenzi leġiżlattivi lill-konvenuta.

(1) Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1).

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008, tas-16 ta' April 2008, dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) (ĠU L 107, p. 6).

Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2012 — Khwanda vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża T-178/12)

(2012/C 174/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Mahran Khwanda (Damasku, is-Sirja) (rappreżentant: S. Jeffrey u S. Ashley, solicitors, D. Wyatt, QC u R. Blakeley, barristers)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-punt 22 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/37/PESK, tat-23 ta' Jannar 2012, li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 19, p. 33), sa fejn jirrigwarda lir-rikorrent;

— tannulla l-punt 22 tal-Anness tar-Regolament tal-Kunsill 55/2012, tat-23 ta' Jannar 2012, li jimplimenta l-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 19, p. 6) sa fejn jirrigwarda lir-rikorrent;

— tiddikjara li l-Artikolu 18(1) u l-Artikolu 19(1) tad-Deċiżjoni 2011/782/PESK [1] ma japplikawx għar-rikorrent;

— tiddikjara li l-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 36/2012 [2] ma japplikawx għar-rikorrent;

— tiddikjara li l-annullament tal-punt 22 tal-anness tad-Deċiżjoni 2012/37/PESK u tal-punt 22 tal-anness tar-Regolament Nru 55/2012 iseħħ b'effett immedjat; u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha tal-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq:

— il-fatt li il-kriterji sostantivi ta' inklużjoni għall-finijiet tal-miżuri kkontestati ma humiex sodisfatti fil-każ tar-rikorrent peress li ma teżisti l-ebda bażi ġuridika jew fattwali li tiġġustifika l-inklużjoni tiegħu; kif ukoll li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward; barra minn hekk, li l-Kunsill inkluda lir-rikorrent abbażi ta' provi insuffiċjenti;

— il-fatt li r-rikorrent ipprovda provi preċiżi u konkreti sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu, u infatti ħa miżuri attivi sabiex iwaqqaf lill-forzi progovernamentali milli jkollhom aċċess għall-karozzi tal-linja tal-Kadmous Transport. Il-Kunsill, min-naħa l-oħra, naqas milli jipproduċi provi suffiċjenti sabiex jikkontesta dawn id-dikjarazzjonijiet.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq:

— il-fatt li l-inklużjoni tar-rikorrent tikser id-drittijiet talbniedem u l-libertajiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż id-dritt tiegħu għall-ħajja privata u tal-familja, kif ukoll id-dritt għar-rispett tal-proprjeta' tiegħu u/jew il-ksur talprinċipju ta' proporzjonalità.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq:

— il-fatt li, fi kwalunkwe każ, il-Kunsill kiser il-forom proċedurali sostanzjali a) meta ma informax individwalment lir-rikorrent bl-inklużjoni tiegħu; (b) meta ma pprovdiex motivazzjoni suffiċjenti u xierqa; (c) meta ma rrispettax id-drittijiet tad-difiża u lanqas id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

(1) ĠU L 319, p. 56.
(2) ĠU L 16, p. 1.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' April 2012 — Bateni vs Il-Kunsill

(Kawża T-181/12)

(2012/C 174/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Naser Bateni (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Kienzle u M. Schlingmann, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010, sa fejn huwa jikkonċernah;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrent.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv: ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent

— Ir-rikorrent isostni li l-Kunsill kiser id-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u, b'mod partikolari, l-obbligu ta' motivazzjoni, sa fejn huwa ma mmotivax suffiċjentement l-inklużjoni mill-ġdid tar-rikorrent fl-Anness IX tar-regolament ikkontestat.

— Ir-rikorrent isostni wkoll li l-Kunsill kiser id-dritt tiegħu għal smigħ, meta ma tahx il-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 46(3) u (4) tar-regolament ikkontestat, li jippreżenta osservazzjonijiet dwar l-inklużjoni fil-listi ta' sanzjoni u b'hekk jitlob li l-Kunsill jagħmel eżami mill-ġdid.

(2) It-tieni motiv: inklużjoni mill-ġdid tar-rikorrent fil-listi ta' sanzjoni infondata

— Ir-rikorrent isostni li r-raġunijiet indikati mill-Kunsill għall-inklużjoni tiegħu fil-listi ta' sanzjoni ma jispeċifikawx il-bażi legali li fuqha jistrieħ l-imsemmi Kunsill.

— Attività eżerċitata mir-rikorrent biss sa Marzu tal-2008 ma tistax tiġġustifika l-inklużjoni tiegħu, f'Diċembru tal-2011, fil-listi ta' sanzjoni.

— Ir-rikorrent isostni li l-attività tiegħu bħala direttur ta' Hanseatic Trade Trust & Shipping (HTTS) ma tiġġustifikax l-inklużjoni tiegħu fil-listi ta' sanzjoni, b'mod partikolari għaliex il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (1) sa fejn huwa kien jirreferi għal HTTS GmbH.

— Skont ir-rikorrent, is-sempliċi fatt li huwa kien direttur ta' kumpannija Ingliża li, sadattant, ġiet xolta, bl-ebda mod ma jippermetti li jiġi konkluż li kienet teżisti waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23(2) tar-regolament ikkontestat għall-inklużjoni tar-rikorrent fil-listi ta' sanzjoni.

(3) It-tielet motiv: ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għar-rispett ta' proprjetà

— Ir-rikorrent isostni li l-inklużjoni tiegħu fil-listi ta' sanzjoni tikser mingħajr ġustifikazzjoni d-dritt fundamentali tiegħu għall-proprjetà, peress li huwa ma jistax jifhem, minħabba l-motivazzjoni insuffiċjenti tal-Kunsill, għal liema raġunijiet huwa ġie inkluż mill-ġdid fil-lista tal-persuni ssanzjonati.

— Ir-rikorrent iqis li l-inklużjoni tiegħu fil-listi ta' sanzjoni ma hijiex, manifestament, xierqa sabiex tikseb l-għanijiet tar-regolament ikkontestat. Barra minn hekk, ir-rikorrent iqis li din l-inklużjoni tikkostitwixxi ndħil sproporzjonat fid-dritt tiegħu għall-proprjetà.

(1) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU L 281, p. 1).

Rikors ippreżentat fis-26 ta' April 2012 — HTTS vs Il-Kunsill

(Kawża T-182/12)

(2012/C 174/47)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Kienzle u M. Schlingmann, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali joghġobha:

— tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010, sa fejn huwa jikkonċernaha;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv: ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti

— Ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill kiser id-dritt tagħha għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u, b'mod partikolari, l-obbligu ta' motivazzjoni, sa fejn huwa ma mmotivax suffiċjentement l-inklużjoni mill-ġdid tar-rikorrenti fil-lista tal-persuni, korpi u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi skont l-Artikolu 23 tar-regolament ikkontestat.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kunsill kiser id-dritt għal smigħ tagħha, sa fejn hija ma kellhiex l-okkażjoni tesprimi l-fehma tagħha qabel ma ġiet inkluża mill-ġdid fil-listi ta' sanzjoni u għalhekk ma setgħetx tinċita lill-Kunsill sabiex dan jirrevedi l-lista.

(2) It-tieni motiv: inklużjoni mill-ġdid tar-rikorrenti fil-listi ta' sanzjoni infondata

— Ir-rikorrenti ssostni li l-motivi mressqa mill-Kunsill ma jiġġustifikawx l-inklużjoni tagħha mill-ġdid fil-listi ta' sanzjoni, u huma, fil-kontenut tagħhom, foloz. Ir-rikorrenti tgħid, b'mod partikolari, li ma hijiex taħt il-kontroll ta' IRISL.

— Skont ir-rikorrenti, l-inklużjoni tagħha fil-listi ta' sanzjoni hija bbażata fuq evalwazzjoni manifestament żbaljata, magħmula mill-Kunsill, tas-sitwazzjoni u tal-attivitajiet tagħha.

(3) It-tielet motiv: ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għar-rispett ta' proprjetà

— Ir-rikorrenti ssostni li l-inklużjoni tagħha mill-ġdid fil-listi ta' sanzjoni tikser mingħajr ġustifikazzjoni d-dritt fundamentali tagħha għall-proprjetà, peress li hija ma tistax tifhem, minħabba l-motivazzjoni insuffiċjenti tal-Kunsill, għal liema raġunijiet hija ġiet inkluża mill-ġdid fil-lista tal-persuni ssanzjonati.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti tqis li l-inklużjoni tagħha fil-listi ta' sanzjoni tikser mingħajr ġustifikazzjoni d-drittijiet tagħha ta' proprjetà u li ma hijiex, manifestament, xierqa sabiex tilħaq l-għanijiet tar-regolament ikkontestat. F'kull każ, ir-rikorrenti tqis li l-inklużjoni tagħha tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' April 2012 — HUK-Coburg vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-185/12)

(2012/C 174/48)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: HUK-Coburg Haftpflicht-Unterstützungs-Kasse kraftfahrender Beamter Deutschlands a.G. in Coburg (Coburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Birnstiel, H. Heinrich u A. Meier, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali joghġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-23 ta' Frar 2012, li ċaħdet l-applikazzjoni tar-rikorrenti ta' aċċess għal ċerti dokumenti fi proċeduri dwar akkordji (COMP/39.125 — Carglass);

— tikkundanna lill-konvenuta tbati l-ispejjeż tagħha u dawk sostnuti mir-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv: nuqqas ta' eżami ta' dokumenti individwali li saret applikazzjoni għalihom

Permezz tal-ewwel motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni ma kinitx ibbażata fuq evalwazzjoni konkreta u individwali ta' kull dokument individwali. Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq kunsiderazzjoni żbaljata fid-dritt, li f'din il-kawża hemm preżunzjoni ġenerali li għandha tiġi applikata eċċezzjoni.

(2) It-tieni motiv: ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni tagħha, immotivat iċ-ċaħda totali tagħha tal-applikazzjoni tar-rikorrenti permezz ta' evalwazzjonijiet ġenerali, u, għaldaqstant, fuq raġunijiet insuffiċjenti. Fil-fehma tar-rikorrenti, dan huwa ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u, konsegwentement, nuqqas ta' osservanza ta' rekwiżiti proċedurali essenzjali.

(3) It-tielet motiv: żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-ewwel u tat-tielet inċiżi tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ([1])

Permezz tat-tielet motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni mill-Kummissjoni tal-eċċezzjonijiet elenkati fl-ewwel u t-tielet inċiżi tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 kienu żbaljati fil-liġi. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni tiċħad li tirrikonoxxi li hemm relazzjoni bejn ir-regola u l-eċċezzjonijiet u tibbaża fuq interpretazzjoni estensiva wisq ta' "ħarsien ta' investigazzjoni" u tal-kunċett ta' "interessi kummerċjali".

(4) Ir-raba' motiv: nuqqas ta' kunsiderazzjoni li l-implementazzjoni tad-dritt ta' kartell, li huwa dritt privat, tikkostitwixxi interess pubbliku prevalenti fis-sens tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001

Permezz tar-raba' motiv tagħha, ir-rikorrenti tosserva li l-Kummissjoni, meta ma żvelatax id-dokumenti li għalihom saret applikazzjoni, b'mod żbaljat ċaħdet interess pubbliku prevalenti. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kellha tikkunsidra, meta tibbilanċja l-interessi fl-iżvelar tad-dokumenti, li l-implementazzjoni tad-dritt ta' kartell, li huwa ta' natura ta' dritt privat, tikkostitwixxi wkoll interess pubbliku prevalenti fis-sens tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

([1]) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-126/11)

(2012/C 174/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: M. Boury, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra safejn din timponi sanzjoni dixxiplinari fil-forma ta' ċanfira fir-rigward tar-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-Deċiżjoni AIPN CMS 10/038 li timponi sanzjoni ta' ċanfira fir-rigward tar-rikorrent, kif ukoll id-Deċiżjoni AIPN Nru R/393/11 li kkonfermat l-ewwel waħda;

— jikkonstata li s-sanzjoni ta' ċanfira li ġiet imposta mill-Awtorità tal-Ħatra fir-rigward tar-rikorrent mingħajr il-produzzjoni ta' provi validi ta' atti ta' fastidju allegatament imwettqa minnu u mingħajr investigazzjoni indipendenti, imparzjali u ekwa li tippermetti li tiġi stabbilita r-realtà u l-verità tal-allegati atti ta' fastidju li twettqu mir-rikorrenti fil-konfront tal-kollega tiegħu, hija sanzjoni diskrezzjonali li tikkostitwixxi att ta' diskriminazzjoni min-naħa tal-Awtorità tal-Ħatra fil-konfront tar-rikorrent;

— jikkonstata li matul dan il-każ ir-rikorrent ssubixxa preġudizzji morali u materjali serji u li, minħabba dan il-fatt, għandu dritt jikseb kumpens għall-dawk l-istess preġudizzji. Dawk il-preġudizzji għandhom jiġu evalwati skont kriterji li għandhom jiġu stabbiliti mit-Tribunal;

— jikkonstata li, b'mod partikolari, matul dan il-każ u preċedentement, ir-rikorrent safa' vittma ta' ksur gravi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tad-drittijiet li jirriżultaw mit-Trattati, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u li, minħabba dan il-fatt, għandu dritt jikseb kumpens għall-dak l-istess ksur, li għandu jiġi evalwat mit-Tribunal.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-28/12)

(2012/C 174/50)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni impliċita li tiċħad it-talba tar-rikorrent, l-ewwel nett, sabiex titħassar sentenza mir-rapport mediku datat it-28 ta' Frar 2008, it-tieni nett, sabiex jintbagħat l-imsemmi rapport ikkoreġut f'dan is-sens lit-tabib magħżul mir-rikorrent, u t-tielet nett, sabiex titħassar, b'mod ġenerali, mill-fajl tal-inċident fuq ix-xogħol tar-rikorrent, kull informazzjoni li tikkonċerna l-fatt, liema fatt ir-rikorrent jallega li ma huwiex minnu, li t-trab li r-rikorrent kellu kuntatt miegħu finalment irriżulta li kienu trabijiet bojod ta' kopja ta' ġurnal li r-rikorrent kien abbonat għalih.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni li tiċħad it-talbiet tar-rikorrent magħmula fit-23 ta' Diċembru 2010;

— *quatenus oportet*, jannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tal-10 ta' Lulju 2011 mid-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talbiet tar-rikorrent magħmula fit-23 ta' Diċembru 2010;

— jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT